# ICILIO CALLEJA

## (25 - 6 - 1882 — 18 - 11 - 1941)

## TENUR CELEBRI MALTI

---

**BIJOGRAFIJA**

**TA'**

**IVO MUSCAT-AZZOPARDI**

---

Hadd ma jista' juża din il-Bijografija — sħiħa, siltiet jew frażijiet minnha — bil-Malti jew b'xi lsien ieħor, minn fuq il-Palk, Rediffusion, taħditiet soċjali jew xort'oħra, mingħajr is-sensja bil-miktub ta' l-awtur.

**Stamperija tad-Dar ta' S. Ġużepp—Hamrun.**

# DAHLA

*Mhux għax jien kont ħabib personali tiegħu fettilli nikteb il-ħajja artistika ta' ICILIO CALLEJA imma għax Calleja qala' ġieħ kbir u mistħoqq ma' tul il-karriera tassew brillanti tiegħu; u jien, li kelli l-privileġġ li nsir naf, bid-dettalji kollha, b'dan il-ġieħ li qala'—għax kumbinazzjoni għext għal żmien twil fl-istess belt fejn kienet tgħammar il-familja tiegħu u huwa għex qabel ma beda u wara li temm il-karriera tiegħu, Lixandra, u sirt midħla ta' daru—ħassejtni fid-dmir li ngħid lill-Maltin ħutna, x'naf fuqu, biex, skond il-qawl malti "kull tajra tifraħ b'rixha" kull Malti, meta tiġih l-okkażżjoni, ikun jista' jiftaħar li, fil-qasam ta' l-opra lirika, kif ukoll f'kull qasam ieħor tal-ħajja, iċ-ċkejkna Malta għarfet tagħti persunaġġ li għamel isem mad-dinja lirika.*

*Nibża' li kieku din il-ħajja artistika tiegħu ma ktibthiex jien, ma kien jiktibha ħadd u għalhekk stennejt l-okkażżjoni tal-għaxar anniversarju mill-mewt tiegħu biex dak li kelli mistur f'qalbi, inħożżu fuq karta u nagħtih id-dawl, biex nimxi mal-qawl latin... scripta manent.*

*Barra minn hekk hemm raġuni oħra li ġagħlitni nagħmel din il-biċċa xogħol. Kemm barra minn Malta, kif ukoll f'Malta nfisha, speċjalment fost il-ġenerazzjoni tal-lum—billi ġara li l-akbar żewġ artisti Maltin li għamlu isem barra minn Malta kellhom jinżertaw bl-istess kunjom (Calleja)—hemm bosta nies li jfixklu dawn it-tnejn min-nies.*

*Mela, qabel xejn, jeħtieġ inbejjen iż-żewġ Callejiet.*

*Icilio Calleja, Malti minn Lixandra (Eġittu), li, kif taraw iżjed 'il quddiem twieled Korfù b'kumbinazzjoni, kien Tenur Drammatiku b'repertorju ta' xi 20 opra, l-aqwa fl-"Otello" u "Sansone e Dalila". Kanta fl-Italja, Eġittu, Spanja, Amerika u Malta. Twieled f'Korfù fil-25 ta' Ġunju 1882 u miet f'Lixandra fit-18 ta' Novembru 1941.*

*Joe Calleja, li l-lum igħodd xi 53 sena, għadu ħaj u mimli bil-għomor. Ikanta wkoll, imma mhux fl-opra lirika. Jaf sewwa l-mużika u kiteb xi biċċa wkoll. Artist tajjeb tal-proża ingliża u għamel għadd kbir ta' films kemm fl-Amerika kif ukoll fl-Ingilterra, ma' artisti ċelebri. Twieled f'Tas-Sliema. Hu ħsieb tiegħi li xi darba nikteb ukoll il-ħajja tiegħu bid-dettalji kollha ġenwini kemm jistgħu jkunu.*

*18. 11. 1951.* Ivo Muscat Azzopardi.

Icilio Calleja meta ġie Malta fl-1923.



Icilio Calleja meta ġie Malta fl-1923.

MINGHAJR ebda tlaqliq ta' xejn Icilio Calleja huwa l-akbar artista-kantant li kien iġib isem Malti, sal-lum. Għad ikolna oħrajn daqsu? Jew akbar minnu? Alla biss jaf!

Hawn min jippretendi li kull min twieled barra minn Malta mhux Malti. Dan żball kbir u l-aħjar prova hi li l-Franċiżi, fost-hom Larousse magħruf mad-dinja għad-dizzjunarju enċiklopediku tiegħu, baqa' jsostni li Nicolò Isouard kien ta' nisel franċiż għax jaf kemm kien kbir Isouard u li kien jaqbel li Franza tagħti l-impressjoni li għalkemm Isouard kien twieled Malta iżda kien ta' nisel franċiż. Imma fuq dan il-Malti nitkellem u nikteb darba oħra meta jkolli lesta l-bijografija tiegħu li tagħha ġà għandi d-dettalji kollha.

Nixtieq iżda nagħti xi spjegazzjoni għaliex Calleja jien nikkunsidrah bħala Malti 100 fil-100. Sakemm ma sarx it-trattat ta' Montreux, fl-Eġittu kienu jeżistu l-kapitolazzjonijiet, jiġifieri ċerti nazzjonijiet kellhom dak il-privileġġ li jagħmlu mis-sudditi tagħhom huma nfushom kemm fil-liġi ċivili kif ukoll kriminali; dan ifisser mela li l-Eġittu kien jikkonsisti f'ħafna nazzjonijiet indipendenti u għalhekk kull nazzjon, ngħidu aħna l-Maltin bħala sehem mill-Imperu Britanniku, baqgħet tuża l-liġijiet tagħha, il-prerogattivi tagħha, id-drittijiet tagħha. U bħala konsegwenza dan ifisser li fi żmien Calleja l-Maltin ta' l-Eġittu kienu donnhom qegħdin igħixu fl-istess Malta. Il-lum dawk iż-żmenijiet tbiddlu għax il-kapitolazzjonijiet spiċċaw u dawk il-ftit Maltin li għad jibqgħu jgħixu fl-Eġittu jkollhom jassorbu ruħhom ma' l-Eġizzjani u jitilfu kull karattru tagħhom malti.

Barra minn dan hemm spjegazzjoni aktar oġġettiva. Calleja nnifsu dejjem sostna li huwa Malti u l-festa li għamlulu l-Maltin meta ġie Malta hija l-akbar prova li l-poplu malti kien jaħsibha bħali. Issa araw kif jiġu l-kumbinazzjonijiet.

In-nannu ta' Icilio Calleja kien minn Ħaż-Żebbuġ u jekk niftakar sewwa kok, li emigra l-Eġittu ma' ċertu Baruni jew Konti Zimmerman. Kellu tifel jismu Govanni li kien laħaq wieħed mid-Diretturi ta' Barclays Bank (li dak iż-żmien kien jismu The Anglo-Egyptian Bank) ta' Lixandra u dan iżżewweġ mas-sinjura Concetta Polito, korfjotta. Minnha kellu żewġ subien: Michel u Antonio. Michel kien ġie msemmi hekk għal nannuh Mikiel Calleja minn Ħaż-Żebbuġ. Antonio kien ġie msemmi għall-Monsinjur Antonio Polito, ħu s-sinjura Concetta.

Fl-1882, fl-okkażżjoni tal-bumbardament ta' Lixandra mill-Ingliżi, il-Maltin kienu ġew evakwati u l-akbar għadd fosthom

kienu ġibuhom hawn Malta. Billi iżda s-sinjura Concetta Polito kienet minn Korfù ippreferiet, ma għandna x'ingħidu xejn, li tevakwa f'Korfù flok f'Malta. Mela kienet b'kumbinazzjoni li Icilio Calleja twieled f'Korfù u mhux f'Lixandra jew f'Malta.

Mill-Fidi tal-Magħmudija tiegħu li tinsab quddiemi, u li iddubbahieli dawn il-ġranet is-Surmast Alexander Greck, Malti ta' Korfù li wara li għadda ħajtu kollha fl-Eġittu issa raġa' lura f'art twelidu, jirriżulta li Icilio Calleja twieled fil-25 ta' Ġunju 1882 u semmewh Antonio Federico Icilio. Il-parrinu tiegħu kien Federico Rohonezy di Masco d'Alba Reale fl-Ungerija u l-parrina Katerina Polito tal-mejjet Kristoforu.

Kif tgħidilna l-istorja u nies ta' dawk iż-żmenijiet, malli l-bumbardament spiċċa u l-Ingliżi daħlu l-Eġittu, il-Maltin kollha reġgħu għal Lixandra u fosthom il-familja Calleja.

* * *

Icilio, żagħżugħ intelliġenti u studjuż, mill-ewwel wera dispożizzjoni għall-kant u nistgħu ngħidu li l-ewwel debutt tiegħu sar fis-26 ta' Mejju, 1900 (meta kellu tmintax-il sena) meta ħa sehem fit-Teatrin ta' San Franġisk Saverju ta' Lixandra f'festa organizzata f'ġieh ir-Rettur li fiha nħadmet il-kummiedja mużikali "Pauvre Gilles' ta' F. Poise u fiha kien interpreta l-parti tal-protagonista, il-ġardinar Gilles.

Wara dan is-suċċess iż-żagħżugħ tagħna ħass ġibda kbira lejn il-karriera artistika imma missieru, is-sur Giovanni, għalkemm ma kienx kuntrarju, insista li qabel xejn jeħtieġ jieħu xi lawrja universitarja u hekk ġara li Icilio telaq għal Pariġi u daħal fl-Università "La Sorbonne" u wara erba' snin studju laħaq Duttur tal-Liġi (Maitre) u Duttur fil-Belle Lettere u raġa' lura f'Lixandra, armat bil-lawrja li kien eżiġa missieru, u mimli bl-akbar ħrara u xewqa biex jitolbu li jħallih jissokta l-istudju tal-kant.

Missieru ta' raġel li kien ma ċaħdux mix-xewqa tiegħu l-aktar meta nduna li ibnu Icilio waqt li kien qed jistudja għal Avukat kien qiegħed ukoll isaħħaħ il-leħen tassew sabiħ tiegħu u dan sata' jarah fil-15 ta' Jannar 1904 meta f'kunċert kbir li sar fin-New Khedivial Hotel ta' Lixandra, is-surmast tiegħu, il-Professur Luigi Calise, ippreżentah fir-rumanza għall-baritonu "Aux troupes du Sultan" mir-Roi de Lahore ta' Massenet u fil-Prologu tal-Pagliacci ta' Leoncavallo.

Issa, ismu, dejjem ma ngħidu xejn bħala dilettant, beda jixxerred ma' Lixandra kollha u fl-24 ta' Jannar ta' l-1905 raġa'

kanta b'suċċess ikbar fil-Hotel Khedivial fil-Kunċert Patino. F'dan il-kunċert kanta bċejjeċ mill-"Andrea Chenier" u "Pagliacci".

Il-ħsibijiet ta' Icilio iżda kienu wisq iżjed għolja minn dawk li sata' joffrilu d-dilettantiżmu u għalhekk beda jsus wara missieru biex jibagħtu jitgħallem il-kant fl-Italja u missieru ħass ruħu fid-dmir li ma jiċħdux minn din ix-xewqa u qatagħlu xewqtu.

Fit-2 ta' Ġunju, 1906, dejjem bħala dilettant, iddebutta fit-Teatru Verdi ta' Firenze fil-parti ta' "Canio" fil-"Pagliacci". Marco Foà, is-surmast tiegħu, se jtir bil-ferħ bis-suċċess li għamel, u l-primadonna li kantat miegħu, Emma Carelli, kienet soddisfatta ferm bih. Dan, madankollu, ma satax jonqos għax l-awtur innifsu tal-"Pagliacci", Ruggiero Leoncavallo, li kien qed jisimgħu, baxxarlu karriera mill-isbaħ.

Wara dan is-suċċess telaq għal Milan biex jissokta jistudja, u meta kien ilu hemm xi sitt xhur, jum wieħed, waqt awdizzjoni li għaliha kienu hemm preżenti l-famuż impressarju Gatti-Casazza u Toscanini, ġie mmarkat mill-kbir Arturo u wara nofs siegħa kliem—nofs siegħa biss—Icilio Calleja iffirma l-ewwel kuntratt mhux iżjed bħala dilettant, imma bħala artist, u fit-3 ta' Marzu 1907 iż-żagħżugħ tenur malti li issa kien laħaq il-għomor ta' 25 sena, iddebutta fl-aqwa tempju ta' l-arti lirika, it-teatru "Alla Scala" ta' Milan, fl-opra "Wally" ta' Alfredo Catalani taħt it-tmexxija ta' Arturo Toscanini nnifsu.

Toscanini għadu ħaj sal-lum u għalkemm xiħ ta' fuq it-tmenin għadu jiddirieġi waħda mill-akbar orkestri tad-dinja u għalhekk naħseb li ma hawn ħadd li ma jafux. Imma nibża' li lil Giulio Gatti-Casazza hawn ħafna, l-aktar fil-ġenerazzjoni li tielgħa, li ma jafuhx u lil dawn ingħidilhom li kien Direttur Ġenerali Artistiku u Amministratur tat-teatru Alla Scala ta' Milan mill-1898 u wara ġie maħtur f'dawn l-istess kariki fil-Metropolitan ta' New York. Dil-informazzjoni ġiet meħuda mill-ktieb Dizionario dei Musicisti, ta' Alberto De Angelis, stampat Ruma fl-1922.

Mela hekk bdiet il-karriera artistika glorjuża ta' dan il-kompatrijott tagħna li l-Maltin tal-lum li jgħoddu 'l fuq minn 45 sena kellhom il-pjaċir, is-soddisfazzjon u l-ġieh li jisimgħuh ikanta fit-Teatru Rjal tagħna, l-ewwel fis-"Sansone e Dalila" u wara xi erba' snin fl-"Otello".

Barra minn hekk ftit wisq jew xejn jafu fuqu u kif ġà għidt fil-bidu ta' din il-bijografija ħassejt li dak li sirt naf fuqu jien minn fost id-dokumenti li rajt b'għajnejja u flejt bl-akbar reqqa kelli

niktbu biex ma jintilifx mar-riħ u mal-mogħdija taż-żmien jintilef għal kollox.

Ħalluni iżda qabel nagħtikom id-dettalji fuq il-karriera tiegħu ngħidilkom kelmtejn kif sirt nafu u fejn iltqajt miegħu.

* * *

Meta Icilio Calleja qata' li ma jkantax aktar—kien bejn wieħed u ieħor fis-sena 1926-27—irtira f'dar missieru f'Lixandra u baqa' miġbur fih innifsu u ftit kienu jafu fejn kien mar trekken iċ-ċelebri tenur Icilio Calleja. Dan sata' jiġri l-ewwelnett għax dak kien il-karattru tiegħu u t-tieninett għax bħala bniedem sentimentali ħafna l-mewt ta' ommu, u wara ta' missieru u ta' nies oħra li kien tant iħobb, taw sewwa ġewwa fih u rrendewh kiebi, u d-divertiment waħdani li kellu kienet il-kaċċa, u naħseb li dan id-delizzju, indirettament, kien il-kawża li nqered ta' 59 sena, għax kien eżattament waqt partita tal-kaċċa li ħuh Michel—iż-żewġt aħwa Michel u Icilio kienu jħobbu lil xulxin daqs il-mimmi ta' għajnejhom—ħabat koxtu ma' musmar u l-ġerħa ddenniet-lu u wara xi xhur miet bl-avvelenament tad-demm. Icilio, mela, ġà mnikket bil-mewt tal-maħbubin tiegħu (għalkemm għaraftu għal bosta snin qatt ma naf li rajtu liebes b'libsa li ma kinetx sewda) il-mewt ta' ħuh Michel ħadha bi kbira wisq u wara xi sena miet huwa wkoll, plaċidament, fis-sodda waqt ir-raqda ta' bil-lejl, l-aħħar raqda tiegħu, fit-18 ta' Novembru, 1941.

Biex nuri kemm kien Icilio jħobb lil ħuh nista' nżid li wara l-mewt ta' Michel, Icilio kien imur iċ-ċimiterju kważi kuljum u baqa' sakemm infena huwa wkoll.

Kien appuntu permezz tas-Sur Michel Calleja—li kien jagħmel sehem miegħi mill-Kumitat tal-Beneficenza Maltija—li sirt naf li Icilio Calleja kien jinsab f'Lixandra u meta ktibtlu biex ikolli l-unur li nikkonoxxih u għidtlu li jien kont it-tifel ta' Ġużè Muscat-Azzopardi, li kien il-President tal-Ġunta Teatrali dik il-ħabta li hu kien mar Malta għas-"Sansun" u għall-"Otello", ħa gost immens u ġie huwa nnifsu għandi d-dar u staqsieni għal ħafna nies li kien sar jaf Malta, fosthom il-mejjet u l-qatt minsi Sir Michelangelo Refalo, li kien stiednu biex joqgħod fil-Villa tiegħu f'H'Attard u hemm dam xi ħmistax-il jum.

Wara sirna ħbieb ta' xulxin u ta' spiss kien jibgħatli xi borka (papra selvaġġa) jew xi nofs tużżana summiniet li kien jaqbad, jew aħjar jikkaċċa, huwa nnifsu.

Iż-żmien tiegħu kien igħaddih jew fuq il-parapett tal-Każin "Mohamed Ali" jew fil-ħanut tas-Sur Pawl Bonett (Malti ieħor

bħalna li kien ibiegħ l-affarijiet meħtieġa għall-kaċċa) fejn kienu jiltaqgħu ħafna kaċċaturi, fosthom diversi Maltin.

Tax-Xirkiet Maltin ma kienx midħla imma kien soċju ta' ħafna minnhom u kull meta ġie mitlub qatt ma naqas li jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu.

Ġurnata jew tnejn qabel miet iltqajt miegħu fit-triq—niftakar kelli miegħi lil binti Vera li dak iż-żmien kellha 8 snin—u waqaf biex bħas-soltu jiċċajta magħna u jiftaħar li huwa kien ta' razza żebbuġija. Hawn irrid napprofitta ruħi biex ingħid li jien inħoss li tkun ħaġa xierqa kieku l-Gvern tagħna jsemmi waħda mit-triqat ta' Ħaż-Żebbuġ għalih. Nimitaw lill-Ingilterra fil-ħwejjeġ sbieħ tagħha u nħarsu lejn dawk l-artisti—mużiċisti, pitturi, skulturi, eċċ.—li lilhom ġew mogħtija t-titolu ta' Sir għax għollew isem l-Ingilterra.

Issa sa nissokta nagħti tagħrif fuq il-karriera tiegħu.

* * *

Mela kif għidt fil-bidu ta' din il-bijografija, il-karriera artistika ta' Icilio Calleja bdiet meta ddebutta fit-teatru "Alla Scala" ta' Milan fit-3 ta' Marzu 1907. Jeħtieġ wieħed jammetti li l-arti lirika marret lura bil-bosta, il-vuċijiet sbieħ u kbar naqsu, u għalhekk kellha tonqos ukoll l-importanza tat-Teatri.

Il-lum f'La Scala qegħdin ikantaw ħafna artisti—dan kellu jsir bil-fors inkiele l-bibien ta' dan il-famuż teatru kienu jibqgħu magħluqin—li jien żgur ma kinux jiġu aċċettati 30 sena ilu, u b'dan irrid ingħid li l-artisti li kien jirnexxilhom ikantaw f'La Scala—u l-aktar fl-istaġun tal-Karnival—bil-fors kien ikollhom ikunu mill-aħjar; mela l-fatt li Icilio Calleja iddebutta f'dan it-teatru ġà juri l-kobor tiegħu mill-bidunett.

Importanti għalhekk ukoll li kultant insemmu l-artisti l-oħra li ħadu sehem miegħu kif ukoll is-surmastrijiet ta' l-orkestra, u nibda biex ingħid li fil-"Wally" kantaw miegħu Eugenia Burzio, Adele Ponzano, Amelia Campagnoli, Pasquale Amato, Nazzareno de Angelis u Virgilio Mentasti. Id-direttur ta' l-orkestra kien Arturo Toscanini.

Din l-opra saret 5 darbiet u l-eżitu kien tajjeb. Dan jirriżulta mill-ktieb "LA SCALA"—Note storiche e statistiche (1906-20) ta' Carlo Vanbianchi li l-Edituri tiegħu huma : Istituto Italiano d'arti grafiche ta' Bergamo, stampat fl-1922.

Mela meta jien għidtilkom li r-riżultati tad-debutt ta' Calleja kien tajjeb ma ħloqtux minn rasi u lanqas ma għidtu biex inħaddem ir-rettorika tiegħi. Il-ktieb li semmejt għandu miġbur

fih statistika eżatta ta' kull ma ġara f'dan it-tempju liriku u iżjed 'il quddiem taraw li meta opra marret ħażin l-awtur ta' dan il-ktieb ma stmerrx li jistqarru bla ebda biża' ta' xejn.

Ma għandna x'ingħidu xejn, kull min kien jażżarda jidher fuq il-palk tat-teatru "Alla Scala" kien ikollu joqgħod għall-kritika tal-famużi ġurnalisti li, b'daqqa ta' pinna, jafu jgħidu t-tajjeb u l-ħażin ta' l-interpreti ewlenin ta' l-opri.

Mela jixraq ngħidu li fir-Rivista "Ars et Labor" ta' April, 1907, li d-Direttur tagħha kien il-wisq magħruf Giulio Ricordi, u sewwa sew fil-paġna 395, taħt ir-ras "Istantanee scaligere" inġiebet karikatura taċ-ċelebri artisti Eugenia Burzio u Pasquale Amato u magħhom id-debuttant Icilio Calleja, li fuqu din ir-rivista stess qalet fil-paġna 410 :—

"Is-sur Icilio Calleja li għadu kemm ta l-ewwel passi tiegħu, iħossu, bla dubju xejn, ftit imħawwad mill-biża', imma b'dana kollu stajna napprezzaw fih leħen sabiħ u skwillanti ta' tenur".

Fit-22 ta' Settembru 1907, reġa' deher fl-"Aida" ta' Verdi, fit-teatru "Sociale", ta' Mirandola, mal-primadonni Davidos u Bergamasco. Il-baritonu kien Viglione-Borghese, kantant ta' kalibru qawwi li jien smajtu jkanta f'Lixandra ħafna snin wara fil-"Fanciulla del West" u "Aida". Is-surmast tal-kori kien Guagliumi u s-surmast ta' l-orkestra Sturani. Wara sewwa sew tliet xhur, jiġifieri fis-27 ta' Diċembru 1907, kanta s-"Sansone e Dalila" fil-"Comunale" ta' Ferrara, ma' l-Aguzzino u n-Novelli, taħt il-bakketta tal-magħruf surmast Belucci. Din l-opra, iżjed 'il quddiem, tant ipperfezzjona ruħu fiha li ġie kkunsidrat bħala l-aqwa interpreti tagħha.

Fit-30 ta' Jannar 1908 ħareġ b'opra oħra. Din id-darba messet lil "La Siberia", ta' Umberto Giordano, li kantaha ġo Ferrara, ma' Lina Fochesato, Viglione-Borghese, Fabbro u Novelli.

Milli jidher il-pubbliku ta' Ferrara ġġennen wara leħen Calleja, għax fid-29 ta' Frar 1908, tah "serata d'onore" li baqgħet tissemma għal żmien twil u minn fost il-folla li biha kien miżgħud it-teatru u speċjalment il-gallarija — fejn ġeneralment ikun hemm il-veru poplu li ma jistax iħallas, imma jifhem ħafna — ittajru par ħamimiet li ma' għonqhom kellhom marbuta żagarella bid-dedika "Al Tamagno Egiziano".

Is-sena 1908 issoktat tkun ta' glorja kbira għall-kompaeżan tagħna għax fid-19 ta' Marzu reġa' kanta f'La Scala, fil-"Forza

del Destino". Kif jidher mir-'records' imsemmija aktar 'il fuq l-opra ma ngħoġbotx u l-artisti, kważi kollha, ġew ikkritikati. Jekk Calleja kienx wieħed milli ma ngħoġbux ma nistax ingħid, imma nista' ngħid bla ebda dubju ta' xejn li f'dawk iż-żmenijiet il-kritiċi kelihom pretensjonijiet kbar u ma kienu jaħfruha lil ħadd. Jien ngħidilkom biss li l-artisti li ħadu sehem miegħu, f'dik l-okkażżjoni, kienu kollha ċelebritajiet kbar, jiġifieri Baritonu Pasquale Amato, baxxi Nazzareno de Angelis u Rebonato, u primadonni Garibaldi u Ester Mazzoleni. L-eżitu ġie deskritt bħala ħażin u l-opra saret darba waħda biss.

Fl-1 ta' Mejju 1908 kanta l-"Ballo in Maschera", fil-Massimo ta' Palermo, mad-Druetti, Petri u Galeffi, u fil-11 ta' Awissu 1908, l-"Aida" fit-teatru Fenice ta' Senigallia, mal-Boninsegni u l-Marchesini, Comune u Carrozzi. Surmast kien Biondi.

Fil-1909 ġie skritturat biex ikanta l-Kajr, fit-tearu Khedivial (fejn kienet saret għall-ewwel darba l-"Aida" ta' Verdi, miktuba fuq talba tal-Khedive) u għalhekk fil-25 ta' Frar kanta għall-ewwel darba fl-art adottiva tiegħu mhux iżjed bħala dilettant, imma bħala artist kompit minn kollox u ta' isem. Il-primadonni li kantaw miegħu l-"Aida" kienu Eugenia Burzio u l-Alvarez, u Romboli.

L-entużjażmu li qanqal fost il-Kajrini kien tassew kbir u Icilio stess irrakkuntali li kemm dam ikanta l-Kajr qatt ma rnexxielu jmur lura l-lukanda bil-karrozza miġbuda mis-solti żwiemel għax il-pubbliku kien iżarma l-bhejjem biex ikollu s-soddisfazzjon li jġorr lit-tenur Calleja huwa nnifsu fost ċapċip u agħjat kbir.

F'din l-okkażżjoni mhux ta' min iħalli barra inċident żgħir li ġara lil Calleja u li irrakkuntahuli ħabib tiegħi li nzerta preżenti għal dik l-okkażżjoni u li l-lum jinsab f'Malta : Fl-aħħar att ta' l-opra. waħda min-noti tar-reġistru għoli ma ħarġetx tajba jew aħjar ħarġitlu impustata ħażin. Calleja tfantas miegħu nnifsu u meta spiċċa l-att ma deherx fuq ir-ribalta għaċ-ċapċip, imma l-pubbliku Kajrin insista ħafna biex il-benjamin tiegħu jidher u fl-aħħarnett, għalkemm kontra qalbu, Calleja deher serju u rasu baxxa. It-teatru kien se jaqa' biċ-ċapċip u bl-agħjat.

Sadattant, fil-waqtiet ħielsa tiegħu, kien qed jistudja b'ħeġġa u ħrara l-ispartit ta' l-opra "Zulma" li l-awtur-surmast Romano Romani kien fdalu, u wara ħafna xhur ta' thejjija, saret

fit-teatru Goldoni ta' Livorno, fit-30 ta' Novembru 1909. Mie-għu kantat il-Burzio. L-awtur tant baqa' entużjażmat li stqarr pubblikament li "il-parti ta' Feodor ġiet interpretata tant tajjeb li mhux possibbli li ħaddieħor ikantaha aħjar u aktarx anqas l-istess".

F'Diċembru ta' l-1909 ġie skritturat biex ikanta s-"Sansun" fit-Teatru Petruzzelli ta' Bari, u fl-istess teatru fis-16 ta' Jannar 1910 kanta "Un Ballo in Maschera" mal-primadonni Pucci u Alasia, u l-baritnu Bione. Qabel għalqet din is-sena tal-karriera tiegħu Calleja kellu jagħmel suċċess kbir ieħor meta taħt it-tmexxija taċ-ċelebri Tullio Serafin, fil-5 ta' Settembru 1910, reġa' kanta fil-Goldoni ta' Livorno, l-opra "Zulma", bħala "serata d'onore" tiegħu u l-kritiku tal-ġurnal "Il Telegrafo" sejjaħ lil Calleja "In-Napuljun tat-Tenuri", u fost wieħed mis-sunetti li kitbulu kien hemm dan il-kliem tassew sabiħ:

"*Fior di Ninfea*
"*E' la tua voce un mar di melodia*
"*Che ci carezza, ci rapisce e bea.*
"*Tamagno è morto*
"*ma degno erede del suo sacro serto*
"*Calleja solo trionfando è sorto*".

Bejn il-1910 u l-1911 Calleja deher f'żewġ opri oħra, il-"Loreley" ta' Alfredo Catalani, fit-teatru Verdi, ta' Firenze, u l-"Germania" ta' Franchetti, fil-Carlo Felice ta' Genova. Fit-Teatro Municipale ta' Modena kanta s-"Sansun".

Fis-16 ta' April 1911 ġie skritturat għat-teatru "Minerva" ta' Udine, biex flimkien mal-Cucini u Galli jkanta s-"Sansun", taħt it-tmexxija tas-surmast Guarnieri.

Għandi quddiemi r-"Rivista Teatrale Melodrammatica" ta' Milan, tat-18 ta' Mejju 1911.

Din ir-rivista ġiebet paġna sħiħa fuq it-tenur Calleja u rrappurtat x'qalu l-ġurnali "Patria", "Corriere" ta' Friulì, "Giornale" ta' Udine, "Gazzetta" u "Gazzettino" ta' Venezja, "Resto del Carlino", "Popolo Romano", "Caffaro", "Avanti", "Paese" u "Adriatico". Kliem mill-isbaħ u li tassew iqawwi l-qalb u juri kif il-ġurnali kollha ta' l-Italja kienu jaqblu għale-nija fil-kritika tagħhom biex igħollu lit-tenur tagħna mas-seba' smewwiet u ddeskrivew lil-leħnu bħala ta' qawwa kbira; set-għan, mimli espressjoni, reżistenti, ta' effetti drammatiċi u fl-

istess ħin melodjuż u kontrollabbli b'mod tal-għaġeb. Dan barra dizzjoni mill-aktar ċara fir-reġistri kollha u kontroll kbir fin-noti għolja. Ma' din il-grazzja t'Alla kollha Icilio Calleja kellu wkoll arti kbira fl-irtokk u fix-xeni. F'kelma waħda l-artist perfett u ideali.

Is-serata tas-16 ta' April, 1911, f'Udine, tibqa' mfakkra għar-rigali sbieħ li Calleja qala' mill-pubbliku, mill-impriża u minn għand l-artisti sħabu.

Fl-1912 ġie msejjaħ fit-Teatru Ponchielli ta' Cremona, biex hemm ukoll jisimgħu ċ-ċelebri tenur Icilio Calleja f'waħda mill-akbar interpretazzjonijiet tiegħu: l-opra "Sansone e Dalila" ta' Saint Saens, u dan jien nista' nwettqu bla biża' għax il-kliem "A mon meilleur Samson", miktub minn Saint Saens innifsu, rajtu miktub taħt midalja tad-deheb li l-awtur ta' din l-opra kolossali għoġbu jagħti lil Calleja flimkien ma' l-awtografu tiegħu bħala l-isbaħ u l-aqwa rikordju u indirettament sewa bħala l-ogħla ċertifikat.

Issa — wara biss ħames snin karriera — isem Icilio Calleja, barra milli kien inxtered ma' l-Italja kollha, għax ġa kien deher fuq ħafna mill-palkijiet importanti tagħha — l-Italja l-benniena ta' l-arti lirika — beda jidwi wkoll barra mix-xtut tagħha u fil-21 ta' Diċembru 1912, beda jwettaq l-iskrittura li kien iddobba maċ-Chicago Grand Opera Company, magħrufa bħala Impriża Dippel, u bħala l-ewwel opra kanta ma' Stanley u Costa "I Pagliacci", ta' Leoncavallo, f'Chicago, l-"Aida" fi New York, u l-"Gioielli della Madonna" ta' Wolff-Ferrari, f'Chicago. Kanta wkoll f'Philadelphia, Baltimore u Cincinnati.

Hawn ta' min isemmi li Calleja kien kanta u interpreta għall-ewwel darba fl-Italja s-sabiħa opra fuq imsemmija "I Gioielli della Madonna".

Naħseb li ma hemmx bżonn ngħid li din l-Impriża Dippel, imsemmija fuq, kienet tagħmel l-affarijiet bil-kbir u mhux ta' xejn kellha isem mad-dinja kollha. Infatti l-artisti skritturati minnha kienu jkunu l-aħjar tad-dinja. Fost l-artisti li f'dan l-istaġun kien hemm skritturati ma' Calleja, ta' min isemmi lil Caruso, Bassi u Zenatello. Mela nistgħu bla biża' xejn ingħidu li t-Tenur Malti issa kien beda riesaq lejn dik li nsejħulha "l-ogħla tarġa tal-karriera tiegħu".

Bejn April u Mejju ta' l-1913 kanta b'suċċess kbir fit-teatri "Margherita" ta' Cagliari, "is-Sansun" u ż-"Zulma", ma' Segura-Tallien, Krismer, Armentano u Pini Corsi u f'din l-istess



Icilio Calleja fl-opra "Otello", l-aqwa interpretazzjoni tiegħu ma' tul il-karriera tiegħu.

sena, kif ser tisimgħu, ħa l-akbar soddisfazzjon ta' ħajtu u l-kuruna tar-rand li kienet tistħoqqlu.

Fis-sena 1913 għalaq iċ-ċentinarju mit-twelid ta' l-akbar żewġ mużiċisti li qatt rat id-dinja — x'sena prolifika kienet dik u s'issa għad ma denritx oħra bħalha : Giuseppe Verdi u Richard Wagner, u l-Italja kollha kienet imħeġġa u mqanqla biex tqim bil dawn iż-żewġ ġenji kif imiss. Wagner, għalkemm jien għandi għalih l-akbar qima, ma jidħolx fl-istorja tagħna, għalhekk b'sogħba ta' qalbi jkolli nħallih fil-ġenb imma lil Verdi jeħtieġ insemmih bosta għax it-Taljani hejjew għalih programm kbir biex jagħtuh dak il-ġieħ li kien ħaqqu u xtaqu li jikkommemorawh kif jixraqlu. Għaihekk minn fost il-għadd kbir ta' nies li ħadu sehem f'din il-kommemorazzjoni ngħażlet kummissjoni magħmula minn Arrigo Boito u Tullio Serafin li f'idejhom ħallew il-għażla ta' l-opra verdjana u l-artisti li kellhom ikantawha.

Billi Verdi kiteb farraġni ta' opri, fi żmenijiet diversi, bi stil wieħed mhux bħall-ieħor, l-għażla kienet diffiċli, imma wara ħafna laqgħat u diskussjonijiet qatgħu li l-iżjed opra adattata kienet l-"Otello", li mindu nkitbet ma kinetx saret fit-teatru Alla Scala ħlief miċ-ċelebri Tamagno u mindu miet hu ma tkantat hemmhekk minn ħadd iżjed.

Naħseb li fost il-ġenerazzjoni tal-lum l-akbar għadd fosthom anqas qatt semgħu b'dan it-tenur ċelebri; għalhekk nixtieq ngħidilkom li Francesco Tamagno (skond il-bijografija E. De Amicis, li ħareġ dizzjunarju tal-mużiċisti f'Palermo fl-1902, u A. Della Corte u G.M. Gatti, li ħarġu wkoll "Dizionario di Musica" fil-1927), twieled f'Torin fil-1815 u miet f'Varese, fil-31 ta' Awissu 1905, u kien tenur ċelebri. Kanta l-ewwel darba f'Palermo, fil-1873, fil-"Ballo in Maschera", u għamel suċċess kbir fit-teatru Alla Scala, ta' Milan, meta kanta l-"Ernani". Baqa' jkanta, dejjem b'suċċess kbir, fl-aqwa teatri ta' l-Ewropa u l-Amerika. Fil-1887 ħoloq il-persunaġġ "Otello" ta' Verdi, li għalih kien ġie miktub, f'La Scala ta' Milan.

Nerġgħu issa għall-istorja tagħna u ngħidu li d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-membri tal-kummissjoni biex jagħżlu l-interpreti ta' din l-opra ma setgħux jonqsu. Imma fl-aħħar l-għażla saret u bħala tenur ingħażel Icilio Calleja. Billi Calleja, iżda ma kienx Taljan inqalgħu fil-ġurnali diversi polemiki, imma l-kummissjoni baqgħet iebsa fid-deċiżjoni tagħha għax l-"Otello" kellu jsir mill-aħjar nies disponibbli f'dawk iż-żmenijiet. L-artisti l-oħra li ngħażlu miegħu kienu: Sopran Linda Cannetti,

baritonu Mario Sammarco u Giuseppina Bertazzoli, Romeo Boscacci u Berardo Berardi.

Il-famuża opra "Otello" għalhekk wara bosta snin reġgħet dehret u nsemgħet fuq ir-ribalta ta' dak il-wisq magħruf teatru u kien tassew unur għal Calleja li wara Tamagno, li għalih Verdi kiteb l-"Otello", u li kien sar l-ewwel darba fil-5 ta' Frar 1887, kellu jkun l-ewwel wieħed li jerġa' jkantah f'dak it-tempju ta' l-Arti Lirika.

Madankollu dan ma setax jonqos għax bniedem studjuż, kompit, attent u akkurat bħal Icilio ftit kien hawn u ftit għad jkun hawn, u dan barra mid-doni naturali li jinħtieġu biex artist jista' jissejjaħ ċelebri. Għidtilkom li Calleja kien studjuż. U kif ukoll: Kull opra kien jistudjaha bl-akbar reqqa, bl-amment, il kant u l-kliem, il-partijiet mhux biss tiegħu, imma sehem kbir minn ta' l-oħrajn ukoll. Kien jistudja l-orkestrazzjoni, l-effetti xeniċi, id-dwal. Kull pass li kien jagħti fuq il-palk kien ikun meqjus bl-effetti tiegħu kollha. Lil kull min huwa interessat kien jistaqsih id-diffikultajiet kollha li kienu jiġuh f'moħħu.

Isimgħu din: Malli qalulu li kien ġie magħżul biex jinterpreta l-"Otello" tant daħal fil-karattru ta' dan il-persunaġġ, bl-irqaqat kollha, li saħansitra qara trattat sħiħ fuq il-marda epilessija (li bil-Malti nsejħulha tal-qamar) minħabba fil-fatt li Otello — il-veru Otello — kien epilettiku. Mela kull taħrika li kien jagħmel "bħala Otello", l-aktar f'waqtiet ta' eċċitament u sogħba li jibdew jidhru fit-tieni att u jitqawwew fit-tielet att, kienu jkunu dawk l-istess taħrikiet li jagħmel fil-ħajja vera bniedem epilettiku. Imma min fost il-publiku, ta' l-Italja, ta' Malta, ta' Spanja, u kull fejn Calleja interpreta l-"Otello", kien jinduna b'dawk il-mossi ġenwini li kien jagħmel Calleja biex jimita hekk tajjeb lill-epilettiku Otello? Li Calleja fl-interpretazzjoni ta' l-"Otello" kien immens kien jafu kulħadd, imma x'għamel biex joħroġ dawk l-effetti intimi kienu jafuh biss kritiċi ġurnalisti ta' kalibru.

Bħala raġel metodiku kien igħożż l-ispartiti ta' l-opri tiegħu f'librerija għaliha, illegati kollha xorta waħda u b'legatura lewn wieħed. Darba waħda ħareġ wieħed fost dawk l-ispartiti u qalli: "Aqta' ta' min hu dak it-tgerfix u tħarbix li qed tara? Dawk il-legaturi, dawk in-nifsijiet, dawk is-sinjali kabalistiċi?"

Naturalment ma għaraftx inwieġbu u għalhekk qalli b'nofs daħka li kienu kollha sinjali mħażżin minn Boito nnifsu biex "Otello" jidher quddiem il-pubbliku kif tassew hu.

U issa li semmejt lil Arrigo Boito, irrid inġib hawn taħt xi qrajt fil ġurnal "Adriatico" ta' l-24 ta' Novembru 1913:—

" Arrigo Boito xi ġranet ilu ħass li għandu jitla' fil-kamrin
" ta' Calleja biex jifraħlu bl-akbar qawwa u biex igħidlu li huwa
" kien jikkunsidra lill-interpretazzjoni tiegħu (fl-Otello) bħala
" l-aħjar waħda fost kollha li kienu nstemgħu f'dawn l-aħħar
" snin wara dik tal-qatt minsi Francesco Tamagno".

F'dik l-istaġun l-"Otello" sar tliet darbiet b'eżitu tajjeb ferm. Imbagħad bdew r-reċti straordinarji għaċ-ċentinarju ta' Verdi u reġa' sar għal tlettax-il darba, dejjem b'suċċess. Wara xi ftit reċti s-sopran Claudia Muzio daħlet tkanta flok il-Cannetti.

Wara din l-istaġun imsejħa mill-ġurnali kollha bħala grandjuża, l-opra "Otello" għebet minn fuq ir-ribalta ta' La Scala u skond ir-'records' li għandi quddiemi u li jwassluni sal-1924, ma saretx aktar. U dan ifisser li mill-1887 sal-1924 (aktarx aktar), medda ta' kważi 40 sena, żewġ **tenuri biss** kellhom ix-xorti u l-unur li jkantawha fl-aqwa tempju ta' l-Arti Lirika: Tamagno u Calleja.

Fis-sena ta' wara, jiġifieri fis-sena 1914, barra minn fl-Italja, Calleja kanta wkoll fi Spanja fejn il-pubbliku,—kif darba qalilna ċ-ċelebri tenur Giuseppe Krismer li kien għamel suċċess kbir f'Malta fil-1918 u xi sentejn wara — jifhem ħafna, eżiġenti ħafna u ma jaħfirha lil ħadd.

Kien għalhekk wara li fit-22 ta' Frar 1914 kanta f'La Scala, l-"Abisso" ta' Smareglia, ma' Ernestina Poli-Randacio, Claudia Muzio, Berardo Berardi u Emilio Bione u fis-16 ta' Ottubru, fir-Regio ta' Parma, l-"Otello" ma' Tedeschi-Baldassare u Montesanto, telaq għal Spanja, u hemm kanta fir-Real ta' Madrid, l-"Otello", mal-Gagliardi u Montesanto, fit-3 ta' Diċembru 1914, u fil-21 ta' l-istess xahar in-"Norma" ta' Bellini, ukoll fl-istess teatru, ma' Capella u l-wisq magħruf baxx Gaudio Mansueto.

F'din l-okkażżjoni t-tenur tagħna kellu l-unur li jiġi mistieden fil-Palazz Irjali ta' l-Infanta Donna Isabella.

Fil-1915 żewġ teatri oħra kellhom il-pjaċir li jilqgħu lil Calleja: Fit-18 ta' Frar kanta l-"Otello" fit-teatru Grande, ta' Brescia, mar-Rimini u r-Rinolfi u fis-6 ta' April, fil-Liceo, ta'

Barcellona, reġa' kanta l-"Otello", ma' Ida Quaiatti, Segura-Tallien u Mascheroni.

Ta' min isemmi li fi Brescia kienet ingħaqdet deputazzjoni biex tippreżenta lill-pubbliku brexxjan u offriet lil Calleja midalja tad-deheb b'dan il-kliem: "Al grande Otello — Icilio Calleja — Carnevale 1915 — La deputazione del Teatro Grande".

F'din l-istess sena 1915 deher il-ktieb "Vibrazioni canore", ta' Silvio Cervi, kritiku mill-iżjed imfittxija ta' żmienu. Dan il-ktieb kien jikkonsisti f'serje ta' kritiki ta' l-iżjed ħwejjeġ prominenti f'dik l-epoka. Wieħed mill-artikoli ta' Cervi kien sewwa sew jittratta fuq l-"Otello" kif kien ġie interpretat minn Calleja, Tedeschi-Baldassare u Montesanto.

Dan juri biżżejjed kif kien miżmum Calleja mill-istampa Taljana; madankollu issa kien laħaq tant fil-għoli li xejn ma seta' idennes il-fama tiegħu.

Fil-1916, barra mis-"Sansun" fit-teatru Grande, ta' Brescia, mal-Guerini, Bonini u Galli, kanta wkoll fil-Costanzi ta' Ruma (il-lum imsejjaħ Teatro dell'Opera) fis-7 ta' April, l-"Otello" mat-Tedeschi u r-Rimini, u fit-2 ta' Jannar, fis-San Carlo, ta' Napli, ukoll l-"Otello", mal-Cannetti u r-Rimini.

F'din l-istess sena, fis-26 ta' Diċembru, raġa' għal darba oħra, deher f'La Scala, fl-opra "Fernando Cortez" ta' Spontini, ma' Ester Mazzoleni, Giuseppe Danise, Gaudio Mansueto u Attilio Muzio. L-eżitu kien tajjeb u l-opra saret ħames darbiet.

F'din l-opra, barra mill-ħila tiegħu fil-kant u l-arti xenika, wera wkoll x'jaf jagħmel fl-arti ta' l-irtokk, għax l-irtokkatura tiegħu tant ingħoġbot li, kif qalli huwa nnifsu, ħadulu ritratt biex il-persunaġġ ta' din l-opra jibqa' preżenti fil-Mużew ta' La Scala.

Hawn ta' min isemmi li Calleja kien jirtokka ruħu huwa nnifsu u sagħtejn qabel ir-rappreżentazzjoni kien ġa jkun fil-kamrin tiegħu biex bl-akbar kalma u dehen jagħti lill-persunaġġ li jkun irid jirrappreżenta dak il-karattru u dik is-sura meħtieġa. U marbuta ma' l-irtokk qalli ġrajja ta' min isemmiha. Darba, ma' tul l-ewwel gwerra dinjija, kien qiegħed fil-kamrin, taħt il-palk, jirtokka ruħu għal xi opra, meta nstemgħu l-ajruplani tal-għadu ġejjin u s-sirena ħabbret l-allerta. Minn fuq bdew isejħulu biex jitla' malajr imma huwa deherlu li ħaġa importanti bħal dik li kien qed jagħmel (l-irtokk) ma setax jaqtagħha fin-nofs......... u baqa' jirtokka ruħu. Għall-grazzja ta' Alla ma ġara xejn serju.

Aneddotu ieħor ta' min isemmih hu li bħalma darba l-famuż baritonu Titta Ruffo (li jien kelli x-xorti kbira li nisimgħu f'kunċert) biex juri kemm kienet estiża l-vuċi tiegħu, kanta l-parti tat-tenur fil-"Pagliacci", hekk ukoll Calleja, biex juri kemm kien jilħaq tajjeb in-noti tar-reġistru t'isfel kanta l-parti ta' Carlo Gerard fl-"Andrea Chenier", ta' Giordano. Dan kien fis-16 ta' Ottubru 1917, fit-teatru Costanzi, ta' Ruma, u miegħu kantaw Giuseppe Corti u Amina Albani.

F'dik l-istess sena, xhur qabel, jiġifieri fil-25 ta' Frar, kien reġa' ġie skritturat biex flimkien mas-sopran Anitua u l-baritonu Segura-Tallieh, taħt il-bakketta tas-surmast Saco del Valle, ikanta s-"Sansun" fir-Real ta' Madrid.

'Records' fejn u x'kanta Calleja fis-snin 1918 u 1919, ma għandix. Jew kien ħa xi dispjaċir u warrab għal xi ftit mir-ribalta, jew beda jħoss xi ftit il-għajja, jew xaba' jiġbor dak il-weraq tar-rand imħażżeż fuq il-għadd kbir ta' ġurnali. Il-fatt hu li s-siltiet mill-ġurnali li kienu jitkellmu fuqu naqsu sewwa u meta fil-1919, kien ġie avviċinat minn Ġustu German — il-faktotum tat-Teatru Rjal tagħna f'dawk iż-żmenijiet — biex jasal wasla sa Malta, għalkemm aċċetta taħt kondizzjonijiet xejn iebsin għall-fama li kellu, għax kien dejjem mixtieq li jara l-Gżira li kienet tat il-wild lil nannuh, u għalkemm ingħoġob ħafna ħafna, il-fatt jibqa' li Calleja kien tilef bosta mil-limpidezza u l-qawwa tal-vuċi tiegħu. Imma l-esperjenza, l-arti xenika, id-dizzjoni u tant affarijiet oħra li kien imżejjen bihom, kienu għadhom ħajjin fih u meta fit-3 ta' Jannar 1920, deher fis-"Sansone e Dalila" (flimkien ma' Dolores Frau, il-baritonu Lazzarini u l-baxx Sabellico, taħt il-bakketta tas-surmast Puccetti), il-Maltin kollha qamu għagħa waħda biex iqimu lill-kompatrijott tagħhom l-ewwel u mbagħad jgħollu sas-seba' smewwiet dak il-kbir kantant artist għax, b'dak kollu li kien tilef minħabba fi żmien li kien għadda minn fuqu, Icilio Calleja kien għadu dejjem l-akbar interpretu tas-"Sansun" kif bilħaqq kollu kien sejjaħlu Saint Saens.

Il-festi li għamlulu l-Maltin u r-rigali li kienu tawh, baqgħu dejjem ħajja fil-fakra tiegħu bl-akbar imħabba u qima, għax kienu qajmu fih entużjażmu kbir għal dik l-art, li għalkemm ma kienx twieled fiha, imma kien iħoss id-demm tagħha jiġri fil-vini tiegħu. L-isem ta' Malta u ta' Ħaż-Żebbuġ, Icilio Calleja ma nsihom qatt.

Fl-aħħar tal-karriera tiegħu, issa kienet bdiet toqrob sewwa, Calleja taha għall-opri ta' Wagner li, skond l-opinjoni tiegħu, kienu jeħtieġu studju profond. L-ewwel dehra tiegħu f'din is-serje ġrat fid-19 ta' Diċembru 1922, meta interpreta fis-San Carlo, ta' Napli, il-parti ta' Sigfried. Is-supran kienet ir-Ruskowska, il-baxx Donaggio u s-surmast Tullio Serafin. F'dik l-istess staġun, li donnha qanqlet fih ħeġġa ġdida, kanta l-"Otello", ukoll fis-San Carlo, fis-6 ta' Frar 1923, ma' Iva Pacetti u Enrico Nani.

Hawn irrid insemmi ġrajja kbira oħra ta' ħajtu: Il-miġja tiegħu f'Malta biex ikanta l-"Otello". L-ewwel dehra tiegħu kienet fl-20 ta' Marzu 1923, u ħadu sehem miegħu Emilia Piave u Luigi Piazza. Kif il-Maltin raw l-"Otello" dik id-darba hija wisq ħaġa diffiċli li jerġgħu jarawh, għax fuq ir-ribalti ta' l-Italja, u meta fl-arti lirika tgħid l-Italja qisek qed tgħid id-dinja, minn dak iż-żmien (kważi tletin sena) 'il hawn għad ma deher ħadd li b'xi mod jista' jisboq lil Calleja.

Ma' tul din iż-żjara Malta laqgħet lil Calleja kif tassew jistħoqq lil wieħed kompatrijott tagħna li inċidentalment kellu jinzerta "kantant-artist li ma jonqsu xejn". U l-Maltin kellhom raġun għax kienet ġiethom ix-xorti li jaraw l-akbar interpreti ta' l-"Otello" li d-dinja qatt rat wara Tamagno. Li kieku Calleja ma nzertax Malti aktarx li Malta ma kenitx tkun tista' tgawdih minħabba l-finanzi.

Il-laqgħa li l-Maltin għamlu lil Calleja, Calleja ma nsieha qatt u huwa nnifsu stqarr miegħi li l-kommozzjoni li kien ħass meta fis-"serata d'onore" li tawh, sab ruħu mdawwar b'dawk il-bandalori ta' elf lewn li kienu jirrappreżentaw il-baned kollha ta' Malta, u meta sama' dawk it-taħdidiet ħerġin mill-qlub ta' Maltin bħalu (fosthom id-diskors ewlieni ta'. Alla jaħfirlu, missieri li kellu l-kariga ta' President tal-Ġunta Teatrali), ilsienu żammlu u ma setax iwieġeb kif xtaq hu.

Ir-rigali ħafna minnhom ta' valur, li kienu tawh xtaq kieku li jibqa' igħożżhom kollha kemm huma, imma dan ma setax jagħmlu minħabba inċident żgħir, imma ikreh, li ġralu u li aktarx f'Malta ftit jafu bih. Kif wasal fi Sqallija, waħda mill-valiġġi li fiha kellu parti minn dawn ir-rigali, inserqitlu u ma rnexxilux li isibha. Għalhekk ġara li ħafna mit-tifkiriet li xtaq tant igħożż sa l-aħħar jiem ta' ħajtu, sab ruħu miċ-ħud minnhom bl-akbar sogħba tiegħu. Imma dak li l-ħallelin ma rnexxilhomx joftmuh minnhom baqgħu dejjem il-għożża

tiegħu u jien għadni niftakar qisu l-bieraħ meta b'daħka fuq wiċċu kien jurini "dgħajsa ta' Għawdex tal-fidda" li kien iżomm fuq stand fil-kamra tas-sodda tiegħu, parċmina bid-dedika li kien mkwadra u qiegħdha fis-salott ma' l-isbaħ tifkiriet tal-karriera tiegħu, u tant u tant ħwejjeġ oħrajn. Ħafna Maltin li f'dak iż-żmien kien għamel ħabib magħhom, baqa' jiftakar b'isimhom u kien ta' spiss jistaqsini aħbarijiet tagħhom.

Wara li telaq minn Malta reġa' kanta l-"Otello" fis-San Carlo, ma' Rosetta Pampanini u l-baritonu Inghilleri. Dan kien fit-8 ta' April, 1923.

U ftit xhur wara, jiġifieri fit-23 ta' Awissu 1923, deher f'opra oħra ta' Richard Wagner. Din id-darba messet lit-"Tristano e Isotta", li ġiet eżegwita fit-teatru Donizetti ta' Bergamo, flimkien ma' Elena Ruskowska, Maria Capuana, Francesco Cigada u Giuseppe Quinzi Tapergi.

Fl-24 ta' Diċembru 1924, kanta fit-teatru Verdi, ta' Trieste, din l-istess opra mad-De Zorzi, Adele Ponzano, Marone, Persichetti, taħt il-bakketta tas-surmast Gino Neri, u f'Marzu ta' l-1925, dejjem fl-istess teatru, is-"Sigfried", ma' Algos, Di Lelio, De Zorzi, Conati, Manai u s-surmast Neri. Minn intervista li Calleja kien ta lill-kritiku tal-ġurnal "Il Piccolo" ta' Trieste, jirriżulta li l-opri ta' Wagner kienu ħafna għal qalbu, imma kienu aktarx skabrużi u forsi ippreċipitaw xi ftit egħluq il-karriera tiegħu. Bħallikieku s-"Sigfried" — skond Calleja— għandha l-itwal parti għat-tenur u tgħodd 9700 nota.

X'kanta wara Marzu ta' l-1925 ma jirriżultax mir-'records' li waqgħu taħt għajnejja, imma l-Avukat Vincenzo Refalo (illum il-Maġistrat Refalo) li, Alla jaħfirlu, missieru — Sir Michelangelo Refalo — kif ġa għidna fil-bidu ta' din il-bijografija kien laqa' f'daru lit-tenur Calleja u li għalhekk baqgħu ħbieb ħafna ta' xulxin, assigurani li fl-1926 iltaqa' ma' Calleja f'Milan, u dik il-ħabta kien qed ikanta xi opri ta' Wagner.

Skond ma kitibli Dr. Antonio Ghiringhelli — is-Suprintendent tat-Teatro Alla Scala, fit-22 ta' Jannar 1952, l-isem ta' Icilio Calleja ma jidherx fil-kartelluni ta' l-1926, mela għandi nobsor li kien qed ikanta f'xi teatru ieħor ta' Milan.

Jekk Calleja kanta wara l-1926 ma kantax ħlief ftit u dan jagħtini x'naħseb li kienet ix-xewqa tiegħu li jirtira b'dak l-isem ta' ċelebrità li bih kien magħruf kull fejn deher mill-ewwel mument li qiegħed riġlejh fuq il-palk ta' La Scala, fit-3 ta' Marzu 1907 sa għoxrin sena wara.

Meta jien għaraftu f'Lixandra, f'xi l-1935, kien bniedem dommu anqas jaf x'jiġifieri palk u biex kont naqla' xi ħaġa minn fommu kont irrid mbati ħafna. Fuq ħwejjeġ oħra kien jitkellem bl-akbar ħbiberija u jekk irnexxieli niddobba dawn id-dettalji kollha li għadkom kif qrajtu mhux għax taħomli huwa, imma għax irnexxieli, wara li miet, nissellifhom għal xi żmien minn għand il-maħbuba bintu Glorja.

Sogħba kbira għandi f'qalbi li ma laħaqx tani — kif kien wegħedni li jagħmel meta jiddeċidi li jiftaħ bagoll li żamm maqful minn mindu temmu il-karriera tiegħu u li fih kien igħożż l-aħħar fdalijiet tal-karriera tiegħu — il-libsa tiegħu li kien jilbes fl-"Otello" u bust tiegħu, li kien jixbhu ferm, li kellu ħsieb jirregalani biex jien nagħtih lill-kustodju tat-Teatru Rjal tagħna (mur għidlu jaħasra f'liema ħerba jinsab it-teatru tagħna minn għaxar snin 'l hawn).

Dan il-bust kien għamilulu skultur Polakk li kien għaddej minn Lixandra. Is-sabiħa hi li dan l-iskultur ma kienx jaf min hu Calleja u darba resaq fuqu u talbu biex iħallih jirriproduċi bl-iskultura wiċċu li hu (l-iskultur) kien jidhirlu kellu lineamenti ta' artista tajbin ħafna biex jiġu riprodotti. Meta wara sar jaf min kien Calleja beda jidħak u qallu: "Mela ma kontx żbaljajt?"

Qabel nagħlaq ma rridx ninsa ngħid li d-diski li jirriproduċu leħen Calleja kienu saru fi żmien meta s-sistema tar-'recording' kien għadu aktarx lura u bogħod ħafna mill-perfezzjoni u lilu ma kinux jogħġbuh.

Ta' min isemmi wkoll li Calleja darba kien ġie dekorat mir-Re ta' l-Italja bit-titolu ta' "Cavaliere della Corona d'Italia", dekorazzjoni li ftit kienet tingħata lil artisti mhux taljani.

L-"Isabeau" ta' Mascagni u l-"Carmen" ta' Bizet, kienu wkoll fir-Repertorju tiegħu, imma ma stajtx insib ħjiel ta' fejn u meta kantahom.

U hekk kull ma kont naf fuq Icilio Calleja, iċ-ċelebri tenur malti, tagħrif li ġbart minn fuq il-ġurnali u r-rivisti ta' żmienu, u minn dokumenti oħra, u xi ċekċik ieħor li smajt minn fommu nnifsu, xtaqt niktbu biex dawk ta' warajja jkunu jistgħu jiftaħru, u bil-ħaqq kollu, li fost il-Maltin Kbar li għarfet tagħti ċ-ċkejkna Malta tagħna, kien hemm ukoll artista ta' l-opra lirika li mhux biss kien irnexxielu li jmidd riġlejh għal kemm-il darba fuq ir-ribalta tal-famuż teatru "Alla Scala" ta' Milan, l-aqwa tempju ta' l-arti lirika, imma jkun ukoll wieħed mill-ftit li dde-

buttaw il-karriera tagħhom ġewwa fih u fih raw l-ikbar suċċess tal-karriera tagħhom.

Icilio Calleja, għalkemm mhux wild Malta, imma biss ta' nisel Malti, qatt ma naqas li stqarr li hu ta' demm Malti u biex inseddaq kliemi sa nġib hawn taħt silta minn intervista li Calleja kien ta lill-korrispondent tal-ġurnal "Il Piccolo" ta' Trieste fl-1924 :—

U meta l-korrispondent qallu :

"Iżda... osserva... jippretendu li int ta' nisel spanjol"; Icilio Calleja wieġbu :—

" Jista' jkun, imma dan in-nisel huwa wisq wisq fil-bogħod.
" Għid minflok li jiena Malti, li l-familja tiegħi ġejja minn
" Malta. Imma meta twelidt, kienet stabbilita fl-Eġittu. Billi,
" iżda, fl-1882 skuppjat fl-Eġittu r-rivoluzzjoni, niesi marru bħa-
" la rifuġjati, għal xi żmien, f'Korfù, u d-destin ried li jien nara
" l-ewwel dawl hemmhekk.'

Meta Icilio Calleja, kif ġà għidt, miet fit-18 ta' Novembru, 1941, f'raqda l-iżjed ħelwa, il-ġurnali "Le Progres Egyptien", "Egyptian Gazette", u oħrajn kitbu fit-tul fuqu u taw xi tagħrif fuq il-karriera glorjuża tiegħu li huwa, wara li kien irtira minnha xi ħmistax-il sena qabel, ipprova jaħbi minn ħbiebu u minnu nnifsu.

Il-Maltin ta' Lixandra biex jagħtuh ġieh mistħoqq kienu semmew il-Filodrammatika tagħhom: "Għaqda Filodrammatika Maltija Icilio Calleja".

Alla jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem u jalla l-fakra tiegħu tibqa' fina ħajja, għal dejjem, bħala dik ta' bniedem li bil-ħila tiegħu għoġbu—bħal ħafna oħrajn—ikabbar isem Malta u isem il-Maltin.

San Ġiljan, 19 ta' Novembru, 1951.

# IL-ĠARRA NKISRET

---

## RADJODRAMM

TA'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

—0—

Ħadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion, jew juża xort'oħra din il-biċċa teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieb.

---

Stampat fid-Dar ta' S. Ġużepp—Ħamrun.

## JIEĦDU SEHEM:

BENDU MUSKAT.

KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA.

L-ISPETTUR DEMIKELE.

IS-SURĠENT KAMENZULI.

ĠERALDU, IL-QADDEJ TA' BENDU.

IS-SINJURA CASSAR-CUTAJAR.

PULIZJOTT.

---

Malta fil-1915.

---

# DAHLA

LIL dawk fost is-sennniegħa li ma qrawx il-kotba "Triq id-dejqa Nu 313" u "Min idduq Ilmet in-Nil......" nixtiequ ngħarrfuhom li kif fil-letteratura polizjeska ingliża għamel isem kbir il-famuż detektiv Sherlock Holmes, u fit-taljana ċ-ċelebri Petrosini u fil-franċiża l-bravissimu Juve, hekk ukoll fil-letteratura maltija, għalkemm dgħajfa ħafna f'din it-taqsima, għamel suċċess id-detektiv malti Bendu Muskat, li fil-fantasija tiegħi, għex fil-bidu ta' dan is-seklu, u l-ġrajjiet tiegħu jinsabu mistu-rin fost l-ixkafef tal-Bibljoteka Irjali tagħna...... ma għandna x'ingħidu xejn...... dejjem fil-fantasija ta' moħħi.

Il-lum se nagħtikom episodju ieħor, ġdid għal kollox, li ġara f'Malta xi erbgħin sena ilu, ta' dan id-detektiv malti, li għal darb'oħra, bid-deħen tiegħu, xejjen il-ħżunija ta'......... Daqs-hekk nista' ngħidilkom. Il-bqija tkunu tafuh waqt l-iżvilupp tar-Radjodramm "Il-ġarra nkisret".

Ivo Muscat-Azzopardi.

# IL-ĠARRA NKISRET

## RADJODRAMM

TA'

## IVO MUSCAT-AZZOPARDI

*(Tinstama' taħdita li qed issir minn fuq it-telefon.)*

KUMMISS : Nixtieq inkellem lill-Ispettur Demikele.
SPETTUR : Hawn jien in persuna. Il-Kummissarju qed jitkellem, mhux hekk?
KUMMISS : Iva, iva.
SPETTUR : Għaraftek minn leħnek, Sur Kummissarju.
KUMMISS : Spettur, niġbdu fil-qasir. Ejja sa kamarti malajr.
SPETTUR : *(b'nofs temtima)* Arani ġej, Sur Kummissarju. Għaxar minuti oħra miegħek inkun.
KUMMISS : Għidtlek ejja malajr. F'minuta għandek tasal, mhux f'għaxar minuti *(tisbita tat-telefon)*.
SPETTUR : *(maħsud, jagħlaq it-telefon huwa wkoll)* X'nervi ħodor għandu għodu għodu. Min jaf x'ix-xjaten inqalagħlu?
*(Mużika ta' passi mexjin u taħbita fuq il-bieb tal-kamra tal-Kummissarju.)*
KUMMISS : Għaddi.
SPETTUR : *(jidħol)* Hawn jien, Sur Kummissarju.
KUMMISS : Demikele, din l-affari tal-Barrakka t'Isfel xebbatni sal-ponta ta' mnieħri. U jekk ma taqbadlix mill-iżjed fis dawn il-qabda briganti, ħallelin sfaċċati u brikkuni, li ilhom jgħaddu ż-żmien bina, l-aktar bik, fhimt sew, bik, aktar minn sentejn sħaħ, ikollı nittrasferik f'xi Dipartiment ieħor u......
SPETTUR : Jaħasra, Sur Kummissarju, jien għamilt mill-aħjar ..... ......... ...... ... ......... ...... ......
KUMMISS : Għamilt mill-aħjar, jista' jkun, iżda bla ebda riżultat. Dan l-aħħar ċans tiegħek. Jekk jerġa' jirnexxi lil dawk il-brikkuni, eċċ., eċċ., eċċ., dan il-kolp li bi ħsiebhom jagħmlu, minn għada stess għal Għawdex, għassa mal-bajtar tax-xewk. Fhimt?

SPETTUR : Jaħasra, Sur Kummissarju, jiena għamilt mill-aħjar, imma xi tridni nagħmel jekk xortija ħażina u kelli naqa' taħt il-qilla ta' ġgajta nies ħżiena, makakki aktar middemonju. Jien dejjem għamilt xogħli bl-akbar attenzjoni u bil-kuxjenza kollha.

KUMMISS : (*aktarx twajjeb*) Dan veru, Demikele, u qatt ma iddubitajt minnek, imma, taf int, dan is-serq li qed isir taħt imneħirna u ma nistgħux insibu rkaptu ta'...... ta' min qed jagħmlu, taf int, għamilni nervuż bosta u l-artikoli li qegħdin jidhru fil-gazzetti qed ikomplu jtellgħuli l-mustarda. Is-sinjuri ġurnalisti jafu jikkritikaw ħafna imma ħadd minnhom ma jaf jagħtina palata, jew jissuġġerilna xi mod li bih jistgħu jiftħulna għajnejna.

SPETTUR : Veru, veru......

KUMMISS : Oqgħod bil-qiegħda ma' ġenbi, Demikele, ersaq 'il hawn. Ejja naqraw flimkien din l-ittra li għadha kif waslitli. Ah ! li kieku stajt naħfinhom taħt idejja !

SPETTUR : Grazzi, grazzi wisq, Sur Kummissarju. Issa nħossni ftit aħjar u fil-waqt li nirringrazzjak għat-tjubija tiegħek, nassigurak li se nagħmel mill-aħjar tiegħi biex isem il-Korp tagħna jibqa' dejjem għoli u forsi niffranka...... il-għassa mal-bajtar tax-xewk f'Għawdex (*jidħku t-tnejn*).

KUMMISS : Ara, Spettur, din hi l-ittra li waslitli. Kif tista' tara...... anonima. Ismagħha...... ara ftit x'wiċċ tost......

"Sur Kummissarju, Eċċellenza tal-Pulizija" — Is-sinjuri briganti kemm-kemm ma jridux igħadduna bid-dgħajsa —" biex ma toqgħodx tinkomoda ruħek u tagħmel kopja " ta' l-ittra li għadna kif bagħatna lill-Baruni ta' Wied is-" Sewda, nixtieq ingħarrfek li l-lejla bil-lejl, f'nofs il-lejl " sewwa, il-Baruni ta' Wied is-Sewda, ġie ordnat li jqie-" għed, magħluqin f'kaxxa, ħames mitt lira, qrib il-Monu-" ment ta' Alexander Ball tal-Barrakka t'isfel. Il-post eżatt " li għandhom jitqiegħdu fih huwa dak tas-soltu, li aħna " iżda se nirrepetu biex ma jsirx xi żball.

" Kif tidħol il-Barrakka t'isfel, il-Monument jidher faċ-" ċata; in-naħa tax-xellug, ma' wiċċ l-art, jew aħjar ma' " wiċċ il-ħamrija, hemm palma, u biswitha, fil-pedament " tal-Monument hemm bħal daħla, qisha bieb imbarrat, li " fuqu ma hemm xejn miktub. Biex inkunu iżjed ċari n-" naħa tax-xellug tagħti għal fuq is-sur tal-ħaddedin. Il-" kaxxa trid titqiegħed inkaxxata ma' dan il-qisu bieb. —

Kemm jafu jiddeskrivu mgħarrqin li huma! —

"Sur Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta, nafu li se "tieħu battikata biex tipperswadi lid-Dipartiment inkarikat "mill-ġonna biex jiftaħ il-bieb tal-Barrakka f'dawn il-ħi-"nijiet. imma din affari tiegħek u tal-Baruni. Aħna nafu "biss li jekk dawn il-flus ma jitqiegħdux il-Baruni jkun ik-"kundannat isofri danni ta' elf lira, f'xi waħda mid-djar "tiegħu. Għandu biżżejjed, mhux hekk?"—Wiċċhom tost!

SPETTUR : *(B'temtima)* U...... x'se nagħmlu issa, Sur Kummissarju?

KUMMISS : Il-Baruni għad ma qalli xejn, imma naħseb li jkolli nħallih jagħmel dak li talbuh...... jew biex inkun iżjed ċar, ordnawlu dawn is-sinjuri galantomi; u mbagħad naraw. Jien żgur li din id-darba se taqbduhom. Ma jidhirlekx?

SPETTUR : *(aktarx imbażża')* Iva. Min jaf?! Nagħmel mill-aħjar. Tgħid jiġu armati?

KUMMISS : Tibdix tirtogħod minn issa. Għandek xi proġett f'rasek?

SPETTUR : Le. Int għandek? Naħseb li jekk jarawna fuq il-post jew jaħarbu jew...... jisparaw fuqna. Mhux hekk?

KUMMISS : Naħseb li aktarx jaħarbu imma..... intom ma tħalluhomx jaħarbu, mhux hekk?

SPETTUR : Dan żgur, dan żgur, imma...... min jaf xi kwalitajiet ta' awtomobblijiet għandhom li bihom ikunu jistgħu......

KUMMISS : Taf kif għandkom tagħmlu biex ma jarawkomx? Użaw is-sistema...... *(ċempila tat-telefon)*...... Iva, jien il-Kummissarju tal-Pulizija. Ah! iva, iva, Sur Baruni, kont qed nistenniha din it-telefonata għax kitbu lili wkoll. Le, le, ma hemmx għalfejn tiġi. Agħmel sewwa sew kif qalulek, skużi, ordnawlek, u aħna nagħmlu mill-aħjar biex naħtfuhom fil-fatt. Iva, sewwa sew hekk. Fil-ħdax sewwa mur qiegħed il-kaxxetta bil-£500—fhimt sewwa fejn trid tqiegħdha, hux hekk?—u le xejn tibża', aħna nkunu hemm, mistoħbijin, imma inti ma tkunx tista' tarana...... le, le...... ma hemmx għalfejn niġu miegħek...... iva, iva...... il-bieb ikun miftuħ, naħseb jien għalhekk...... inti, wara li tqiegħed il-kaxxa, itlaq 'il barra minn fejn tkun ġejt u ħalli l-bqija għalina...... u le xejn tibża'...... aħna nagħmlulek mill-aħjar, inti m'intix l-ewwel vittma; kien hemm oħrajn qablek imma nittama li int se tkun l-aħħar wieħed...... u le ma hemmx għalfejn tiġi s'hawn..... id-dmir tagħna na-

fuh...... jien żgur li din se tkun l-aħħar imbrolja tagħhom...... xejn...... grazzi ħafna u kuraġġ...... Saħħa, Sur Baruni...... saħħa..... saħħa.

SPETTUR : Mela l-Baruni issa jaf b'kollox. X'konna qegħdin ngħidu, Sur Kummissarju? Ih! Ara kif qatgħalna l-fil il-Baruni!

KUMMISS : Kont se nissuġġerilek biex tuża s-sistema li użaw is-suldati fil-gwerra. Jien se nagħti l-ordni biex fil-għaxra kull min ikun hemm dawk in-naħiet jitwarrab.

SPETTUR : In-namrati se jiddispjaċihom, Sur Kummissarju!

KUMMISS : Għal-lejla jmorru band'oħra, jekk jogħġobhom. Mela kif il-Barrakka u dawk l-inħawi jitbattlu min-nies, int, u xi erba' pulizjotti tajbin minn ta' taħtek, ilbsu ta' siġar, b'xi zokk twil f'idejkom, u ħudu poża li ma tgħajjux fiha. Fhimtni? Agħmlu sewwa sew kif kienu jagħmlu s-suldati fil-gwerra, kamuflaġ perfett kemm jista' jkun.

SPETTUR : Fhimtek jien, Sur Kummissarju; idea grandjuża! Bravu tassew! U mbagħad?

KUMMISS : Imbagħad? Imbagħad ix-xita u r-ragħad! Ma tarax! Kif jiġi l-ħalliel...... jew ħallelin, u jippruvaw jieħdu l-kaxxa, aqbżu fuqhom u arrestawhom, u jekk jilħqu jaħarbu sparaw fuqhom. Għal saqajhom, tafux. U l-affari lesta.

SPETTUR : Stupenda... stupenda... din id-darba żgur li ma jiskappawlniex. Rabbejt kuraġġ ta' sur, Sur Kummissarju.

KUMMISS :—Jaqbillek Demikele...... inklele għal Għawdex......

SPETTUR : ......mal-bajtar tax-xewk...... Saħħa, Sur Kummissarju.

KUMMISS : Saħħa wisq u nawguralek kull suċċess...... saħħa. Malli jkollok xi aħbar tajba, ċempila d-dar...... ikun x'ħin ikun ..... Ftehemna?

*(Mużika aktarx allegra li tibqa' tonqos u tintemm fixxejn...... imbagħad jinstama' nofs il-lejl idoqq...... ħemda tal-biża'...... miksura minn ħoss, qisu ċekċik ta' ħadid, ħoss ta' trabokk qed jingħalaq u wara ftit biċċa mużika aktarx traġika li meta tiffejdja jinstama' t-telefon idoqq)*

SPETTUR : *(Leħen eċċitat)* Min hemm?...... Ma jwieġeb ħadd? Il-Kummissarju mhux hemm?

KUMMISS : *(Eċċitat ukoll)* Iva...... hawn jien, jien kollni kemm jien. Int min int? L-Ispettur Demikele? Minix ngħarfek!

SPETTUR : Iva...... iva...... jien......

KUMMISS : Qbadtuhom? Kollha kemm huma?

SPETTUR : Le...... ħaġa tal-għaġeb.....

KUMMISS : Hmar!

SPETTUR : Jien ħmar?

KUMMISS : Iva, ħmar u nofs! Qajjimtni mil-isbaħ raqda biex tgħidli li għamilt fjask, anzi fjaskun......

SPETTUR : Imma......

KUMMISS : Ma hemmx imma u immu. Għada filgħodu fit-tmienja sewwa ejja l-uffiċċju tiegħi għax irrid naf kull ma ġara, irrid inkellmek, fhimt? Irrid nagħmillek xi mistoqsi-jiet......

SPETTUR : Iva...... iva...... tajjeb wisq...... il-lejl it-tajjeb......

KUMMISS : U lilek il-lejl il-ħażin. Fhimt? *(jinstama' l-telefon jingħalaq b'tisbita.)*

*(Mużika qawwija li turi għadab. Imbagħad tiffejdja u jinstemgħu jdoqqu l-għaxra.)*

KUMMISS : Ersaq ftit lejja, Surġent Kamenzuli. Int kont wie-ħed mill-ħamsa tal-Barrakka t'Isfel, mhux hekk?

SURĠENT : Iva, Sir. L-affari ġrat hekk.

KUMMISS : Ara Kamenzuli l-affari naf kif ġrat, l-affari nafha bl-egħruq u x-xniexel għax barra milli smajt ir-rakkont twil u dettaljat ta' l-Ispettur Demikele smajt ukoll bir-reqqa kol-lha it-tliet pulizjotti li kellkom magħkom. Lilek ħallejtek għall-aħħar għax, kif qalli l-Ispettur, kont l-iżjed qrib il-Monument.

SURĠENT : Hekk hu. Lanqas sitt jardi bogħod ma kont.

KUMMISS : Għidli sewwa f'liema naħa kont u x'rajt.

SURĠENT : Jien, kif naħseb ġà taf, kont liebes libsa miżbugħa ħadra ċar, bi tbajja' ħodor oskuri u oħrajn kannella. Hadd ma sata' jagħrafni minn siġra u biex tagħqad tgħattejt b'dik ix-xitla tal-Buganvilla li hemm sewwa sew tixxeblek ma' dak il-ħajt li jiġi biswit il-Monument fejn kellha titqiegħed il-kaxxa.

KUMMISS : Iva...... tajjeb wisq...... l-affari tal-kamuflaġ inven-zjoni tiegħi.

SURĠENT : Naf, Sir. L-Ispettur qalilna kollox u faħħrek ħafna.

KUMMISS : Qhim!...... Qhim!......

SURĠENT : Kont tassew moħbi tajjeb, Sir, u għalkemm ix-xewk tal-Buganvilla beda jagħtini fastidju u jniggiżni, bqajt hemm donni biċċa mill-istess xitla.

KUMMISS : U mbagħad x'ġara?

SURĠENT: Kif naħseb ġa qalulek il-Baruni wasal il-Barrakka fil-11 sewwa u qiegħed il-kaxxa inkaxxata mal-ħajt, fejn il-pedistall jinsab imdaħħal ftit 'il ġewwa...... donnu bieb im-barrat...... u telaq 'il barra.

KUMMISS: U intom x'għamiltu?

SURĠENT: Kulħadd mar għal postu. Il-kaxxa jien ma tlaqtliiex minn taħt għajnejja. Kien dlam ċappa imma billi l-kaxxa ma kinetx ħlief ftit jardi 'l bogħod minni stajt naraha taj-jeb kif issa qed nara lilek.

KUMMISS: Tajjeb...... tajjeb wisq...... u mbagħad x'ġara? Is-sokta.

SURĠENT: Il-ħin bejn il-ħdax u nofs-il-lejl kien twil daqs l-Eternità, Sir, imma billi l-Ispettur kien qalilna biex nistrie-ħu sewwa qabel immorru għal din il-missjoni qalila u qalil-na bl-importanza tagħha. il-għajja għabet għal kollox u kont inħossni qisni ħadida. F'idi l-waħda kelli torċ lesta biex tin-xegħel u fl-oħra r-revolver għalli jista' jkun.

KUMMISS: Sewwa wisq. Kompli.

SURĠENT: Ma' l-ewwel tokk ta' nofs il-lejl ħassejt bħal tkexki-xa nieżla mas-sinsla ta' dahari u berraqt għajnejja biex na-ra mil-liema naħa kien se jitfaċċa l-ħalliel...... jew ħallelin.

KUMMISS: (*Eċċitat*) Dan żgur...... dan żgur......

SURĠENT: Ma' l-aħħar tokk, smajt għall-ewwel bħal tħaxwix fil-bogħod, donnu xi ħadd qed jiftaħ xi lukkett fil-bogħod; imbagħad f'radda ta' salib...... ċekċika, taħbita qawwija, donnu xi ħadd fetaħ tieqa u għalaqha b'ħeffa kbira u malli baxxejt għajnejja lejn il-kaxxetta tal-flus, ħaġa li ma tit-wemminx, ħaġa tal-għaġeb, ħaġa tal-biża'...... ma kinetx hemm iżjed.

KUMMISS: Dan kif dan! Kif sata' ġara? Tridu tiċċajtaw!

SURĠENT: Sir, ir-rogħda li qabditni f'riġlejja kienet kbira, għax......

KUMMISS: Għax...... għax...... aqlagħha......

SURĠENT: Għax dawk il-ħallelin żgur miktubin max-xitan!

KUMMISS: U ħalluni minnkom. Ix-xjaten qegħdin fl-infern u għandhom biżżejjed x'jagħmlu. Dak li ġara, ġara hawn, f'din id-dinja u ġara għax......

SURĠENT: Naħliflek Sir li......

KUMMISS: (*Jiġi ftit f'tiegħu u jitjieb*) Stenna, Surġent...... madankollu forsi għandkom ftit tar-raġun. Il-ħalliel, jew ħallelin, ħżiena daqs tengħud u marridx niddubita mill-ħila

taghkom; imma, irrid jew marridx, ikolli narġa' nisserva, kif għamilt bosta drabi, mill-ħila u d-dehen ta'......

SURĠENT: Fhimtek, Sir, qed taħseb f'Bendu Muskat.

KUMMISS: Hekk hu, sraqtli ismu minn ħalqi. Bħalissa għaddejja minn quddiem għajnejja dawk il-ħafna ġrajjiet ta' ħila, dehen u għaġeb li għamel ma' tul ħajtu dak il-bniedem.

SURĠENT: Aħna, Sir, iesti biex naħdmu id f'id miegħu u nobduh f'kulma jordnalna, avolja mhux ħlief detektiv privat.

KUMMISS: Iva, dak il-bniedem ta' sura dgħajfa, li jidher tant twajjeb u minn tagħna, għandu ħila tal-għaġeb u d-dehen tiegħu jlaħħaq fejn ħaddieħor lanqas jiġih l-iċken ħsieb. Min jaf l-Ispettur Demikele jkunx irid jikkoopera miegħu?'

SURĠENT: Dan żgur li jkun irid. Halli mmur intarraflu xi ħaġa fuq fuq. Tippermettili, Sir?

KUMMISS: Iva, mur, imbagħad inkellmu jien fit-tul. Jeħtieġ li dawn il-ħallelin li ilhom iħabbtuna sentejn sħaħ, jaqgħu taħt il-qilla tal-Gustizzja. Għalkemm mhumiex qattiela, qegħdin jaqilgħu ħafna inkwiet ġo din l-imbierka gżira tagħna u l-ġurnali qed jipprofittaw ruħhom biex jattakkawna, lilna tal-Pulizija, bla heda. Jekk neħilsu minnhom inkunu għamilna rebħa kbira. Mela mur tarraf xi ħaġa lill-Ispettur Demikele u għidlu jiġi jarani l-lejla f'xi t-tlieta.

*(Mużika aktarx ta' kalma li fiha jinstemgħu mumenti ta' għadab, oħrajn ta' rebħa u fl-aħħar mill-ġdid ta' kalma.)*

ĠERALDU: X'tak f'daqqa waħda din il-għaġla kollha, Sur Bendu?

BENDU: Ġerald, dik l-ittra li għadek kemm tajtni ġiebet magħha biċċa xogħol, milli tidher, qalila, għax il-Kummissarju tal-Pulizija jrid jarani malajr.

ĠERALDU: Mela l-ftit mistrieħ li konna biħsiebna nieħdu għosfor mar-riħ! Donna għandna magħmul, x'waħdadin! U x'se tagħmel bil-vjaġġ li kont biħsiebek tagħmel?

BENDU: Ma nafx Ġeraldu. Forsi ma hemm xejn milli qed naħseb jien u l-programm li kellna f'rasna jissokta skond il-pjan li għamilna.

ĠERALDU: Niddubita, Sur Bendu, għax inti xxomm mill-bogħod wisq u la xammejt xi biċċa xogħol qalila, xi ħaġa tinqala' żgur minn taħt ir-riħ. Madankollu jien ġà għidtlek li ismek kien qed jissemma ħafna dan l-aħħar.

BENDU: Forsi semmieni wieħed jew tnejn...... u int għaġġibtha xi ftit.

ĠERALDU : Le, Sur Muskat, xejn affattu. Semmewk imħabba l-affari tas-serq misterjuż li ġara diġà tliet darbiet taħt l-istess ċirkustanzi...... u qalu li int biss tista' taqbadhom.

BENDU : Iva. Qrajt fuqu dan is-serq u la trid tafha, għalkemm ħadd ma talabni biex nindaħal, diġà interessajt ruħi ħafna fl-affari u ġà għandi f'rasi proġett żgħir li nista' niżviluppah jekk niġi mitlub biex nagħti l-għajnuna tiegħi.

ĠERALDU : U int taqbadhom żgur, sinjur!

BENDU : Dak Alla biss jaf. Imma bħas-soltu nagħmel millaħjar.

ĠERALDU : Mhux għax irrid nagħmillek osservazzjoni, Sur Muskat, imma donnok insejt l-għaġla li kellek ftit ilu.

BENDU : Le ma nsejtx. M'intix tarani qed nilbes? Ma triduix immur bil-qmis u bil-qalziet ta' taħt għand il-Kummissarju, hux hekk?

ĠERALDU : (*B'daħka*) Mur ara kemm jidħku bik in-nies, Sur Bendu, jarawk għaddej tgħaġġel bil-qmis u bla qalziet.

BENDU : Issa arani lest u sejjer. Jekk jistaqsi xi ħadd għalija, minn hawn u sagħtejn oħra hawn inkun. Saħħa Ġerald.

ĠERALDU : Saħħa...... (*passi*)...... Bilħaqq, sinjur! Il-bieraħ qbiżt qabża sa Triq id-Dejqa u......

BENDU : X'mort tagħmel dawk in-naħiet?

ĠERALDU : Tajba din. Mort sal-...... mezzanin tiegħek, biex nara l-parrokki, ċeruni, u l-affarijiet kollha ta' l-irtokk u l-ilbiesi u l-affarijiet kollha, humiex kollha flokhom. Sibt babilonja sħiħa u......

BENDU : Naf, naf, dan l-aħħar kelli bżonn immur hemm ħafna drabi, f'ħafna ħinijiet u biddilt diversi lbiesi; saħansitra kelli nilbes ta' mara darbtejn......

ĠERALDU : Eh! għalhekk dak t-taqlib kollu, mela. Xejn iżjed, Sur Muskat. Basta għamiltu int dak is-sottusupra.

BENDU : Iva, jien, u kien jeħtieġli nżomm segriet assolut.

ĠERALDU : Lili wkoll kien jeħtieġlek taħbi, Sur Bendu?

BENDU : (*B'daħka*) Dan żgur! Anzi lilek qabel kulħadd. Saħħa Ġeraldu (*u Bendu joħroġ b'ġirja fil-waqt li Ġeraldu jibqa' jgemgem*).

ĠERALDU : X'raġel fenomenali dan Bendu Muskat! Min jista' qatt jobsor li f'dik ir-ras ċkejkna daqs faqqusa għandu jkun hemm moħbi dak id-dehen kollu u dik il-ħila kollha u kuraġġ ta' sur. Alla jieqaf miegħu għall-ġid kbir li qiegħed jagħmel lis-Soċjetà.

*(Mużika u wara ftit jinstama' Muskat dieħel għand il-Kummissarju.)*

KUMMISS: Għaddi Muskat u poġġi hawn ma' ġenbi ħalli nirrakkuntalek x'ġara dan l-aħħar. Storja interessanti kemm tista' tkun.

BENDU: Grazzi wisq. Nisimgħek bl-akbar attenzjoni.

KUMMISS: Pejjep sigarrett.

BENDU: Sigarrett le, imma jekk għandek sigarru tajjeb naċċettah bil-qalb kollha.

KUMMISS: Jekk ma għandi għal ħadd għalik għandi żgur. Sigarru Havana A.1. Arani miegħek.

*(Passi, ftuħ ta' armarju, u suffarina tiegħel.)*

Servejtek mill-aħjar li stajt. Issa ismagħni.

BENDU: Jaqaw, l-affari tal-Barrakka t'isfel.

KUMMISS: Appuntu, imma...... int kif taf?

BENDU: Igħidu li l-famuż tabib Cardarelli, meta kien jara marid quddiemu, kien igħidlu biex qed ibati malli jarah dieħel u qabel ma l-pazjent ikun laħaq fetaħ fommu.

KUMMISS: Kien jaf sewwa ferm il-professjoni tiegħu l-famuż Cardarelli.

BENDU: Hekk hu! U jiena naf biex qed ibati l-Korp tal-Pulizija billi naqra l-gazzetti.

KUMMISS: Fhimtek jien. Mela taf x'qegħdin jiktbu kontra tagħna, hux hekk?

BENDU: U kif ukoll! U għalhekk ilni ħafna nhejji l-pjan tiegħi. Kull ma kien jonqosni hu li tibgħat għalija. Jien għalkemm bla uniformi nagħmel sehem minnkom. Għallanqas hekk kien qalli u tani x'nifhem, Alla jaħfirlu, il-predeċessur tiegħek.

KUMMISS: Grazzi ħafna, Muskat. U int taf biżżejjed kemm jirrispettawk in-nies kollha tiegħi, hux hekk?

BENDU: Iva, naf, naf......

KUMMISS: ......imma jien dejjem għidtilhom li r-responsabbiltà qiegħda fuqhom u fuqhom biss u ma għandhomx jabbużaw mil-ħila u t-tjubija tiegħek. Aħna nibagħtu għalik biss meta hu assolutament meħtieġ......

BENDU: U jien dejjem lest biex naqdikom.

KUMMISS: Mela la taf għalfejn bgħatt għalik se nidħol mill-ewwel fis-suġġett.

BENDU: Ara, Sur Kummissarju, biex ma nitilfux ħafna żmien, agħtini l-*files* f'idejja, jiġifieri tas-serqa tal-Baruni ta' Wied

is-Sewda, u ż-żewġ serqiet jew tlieta, jekk niftakar sewwa, kważi identiċi, li saru qabel, minn għalija waħda sitt xhur ilu, waħda sena ilu u l-oħra xi sena u nofs ilu. Osservajt xejn, Sur Kummissarju, li dawn il-galantomi jagħmlu kolp regularment kull sitt xhur?

KUMMISS: Eżattament. X'memorja għandek!

BENDU: Mhux xogħli dan? Grazzi mill-kumpliment. Imma l-iżjed ħaġa importanti hija li tagħtini lista ta' l-ispanjoli kollha li joqogħdu f'Malta, tant jekk saru sudditi ingliżi, kif ukoll jekk baqgħu sudditi spanjoli, u li huma aktarx il-fdal ta' dawk l-ispanjoli li kienu ġew Malta ftit snin ilu meta nbena l-"breakwater" tal-Port il-Kbir.

KUMMISS: (*Mistagħġeb bosta*) Spanjoli?!

BENDU: Iva, Spanjoli.

KUMMISS: U x'għandhom x'jaqsmu l-ispanjoli u Spanja ma' din l-affari?

BENDU: Dan tkun tafu wara u, jekk jogħġbok, l-indirizzi tagħhom eżatti, kemm ta' djarhom kif ukoll tal-ħwienet tagħhom fejn jaħdmu, naturalment jekk fosthom hemm xi nies tas-sengħa.

KUMMISS: Narġa' nistqarr li m'jien nifhem xejn, imma la trid hekk, hekk ikun. Int dejjem toħroġ b'xi ħaġa oriġinali li ma tkun għaddiet minn ebda ras oħra.

BENDU: Jien, kif ġà għidtlek, ili fuqha din l-affari. Issa ħaġa oħra. Kliem fuq din l-affari ma' ħadd. Il-lista ta' l-Ispanjoli tgħidx li tlabthielek jien u malli jerġa' jiġri każ ieħor bħal tal-Baruni, ibgħat għarrafna malajr; jew, stenna, ittelefonali inti stess u għidli li tixtieq tkellimni. Fuq it-telefon kliem ieħor xejn. Ibgħat biss għal Bendu Muskat u Bendu Muskat ikun miegħek, wara għaxar minuti, kemm tagħtilh iż-żmien jiġi mill-Gżira sal-Belt. Nista' naqdik f'xi ħaġa oħra?

KUMMISS: Xejn, grazzi. Ma nafx kif nibda nirringrazzjak.

BENDU: S'issa għad ma għamilt xejn. Irringrazzjani, jekk jidhirlek, meta nkun swejtlek u lil Malta, għal xi ħaġa. Kont se nsiefer biex nieħu ftit tal-mistrieħ. Se nissospendi kollox. Jien żgur li s-sinjuri ħallelin din id-darba mhumiex ser iħallu sitt xhur igħaddu, wara l-aħħar suċċessi strepitużi li kellhom u li ma jdumux ma jfaqqgħu xi assalt ieħor.

KUMMISS: Nittama li din id-darba jfallilhom. Din id-darba mal-Korp tal-Pulizija jinsab il-ħabib tagħna Bendu......

BENDU : Hekk hu u l-vjaġġ għal...... Alla jaf meta. Saħħa.
*(Bieb jingħalaq u kumment żgħir tal-Kummissarju.)*

KUMMISS : Xi bniedem tal-għaġeb dan Bendu Muskat u l-aktar li tgħaġġbek hija t-tjubija tiegħu u għemilu.
*(Mużika aktarx allegra.)*

KUMMISS : *(Tinstama' ċempila, taħbita fuq il-bieb u bieb jinfetaħ u passi ta' xi ħadd dieħel)* Surġent, jien ħiereġ mument, u f'xi nofs in-nhar nieqes kwart inkun hawn. Jekk jiġi xi ħadd għidlu jistenna.

SURĠENT : Tajjeb wisq, Sir.

KUMMISS : Tista' tmur.

SURĠENT : Right, Sir *(passi u bieb jingħalaq. Wara ftit idoqq it-telefon)*.

KUMMISS : Min hemm?

SIN. C.C. : *(Jinstama' leħen is-Sinjura Cassar-Cutajar minn fuq in-naħa l-oħra tat-telefon)* Nixtieq inkellem lis-Sur Kummissarju tal-Pulizija, lilu nnifsu jekk jista' jkun.

KUMMISS : Jien hu, xi trid sinjura?

SIN. C.C. : Għandi bżonn inkellmek senzaltru.

KUMMISS : Kont ħiereġ sinjura. Xi ħaġa urġenti? Jisgħobbija għandi ħafna x'nagħmel.

SIN. C.C. : Imma, Sur Kummissarju, jeħtieġ assolutament li tistennieni. Jiena s-sinjura Cassar-Cutajar u......

KUMMISS : Għandi pjaċir ħafna bil-konoxxenza, imma......

SIN. C.C. : Ara, Sur Kummissarju, l-affari urġenti għax irċevejt ittra anonima u tawni żmien sal-lejla biex......

KUMMISS : Mela għandna żmien, ejja wara nofs in-nhar fit-tlieta......

SIN. C.C. : Ma jistax ikun għax il-briganti jridu tweġiba sassagħtejn u qaluli......

KUMMISS. Xi briganti huma? Xi tweġiba jridu?

SIN. C.C. : L-istess affari tal-Barrakka t'Isfel, Sur Kummissarju. Tiftakar?

KUMMISS : *(B'leħen ta' rebħa)* Tal-Barrakka t'isfel? Tajjeb wisq! Famuż! Ejja malajr, sinjura, qiegħed nistenniek. Meta taħseb li tasal? Minn fejn qiegħda tittelefona?

SIN. C.C. : Għaxar minuti oħra għandek inkun.

KUMMISS : Tajjeb wisq. Ejja malajr kemm jista' jkun.
*(Ċempila. Taħbita fuq il-bieb u passi tar-surġent dieħel)*

KUMMISS : Surġent.

SURĠENT : Mela ġà ġejt, sinjur? Lanqas rajtek dieħel!

KUMMISS : Għadni lanqas ħriġt. Ara, Surġent, għandha tiġi waħda sinjura. Malli tasal daħħalha mill-ewwel. Fhimt?

SURĠENT : O.K., Sir (*joħroġ*).

KUMMISS : (*Juża t-telefon*) Nixtieq inkellem lis-sur Bendu Muskat, jekk jogħġbok, malajr kemm jista' jkun. Jekk inhu okkupat aqta' l-linja u ikkomunika lili. Liberu? Stupend!... Ma jweġibx?...... Iva, għandek raġun...... imma l-affari bil-għaġla...... Iwieġeb? Min hemm? Ġeraldu? Nixtieq inkellem malajr lis-Sur Muskat. Mhux hemm? Ah! qiegħed fuq! Għallanqas. Għidlu li l-Kummissarju jixtieq ikellmu. Nistenna? Tajjeb...... tajjeb...... Nieżel? Tajjeb wisq...... Bonġu Muskat. Il-Mument wasal! Ma fhimtx? "Di Spagna sono la Bella"! Fhimt issa? Il-preżunta vittima se tkun għandi dalwaqt; jekk tiġi inti wkoll aħjar. Tiġi? Grazzi ħafna. Inħossni tassew rikonoxxenti lejk, u se ntir bil-ferħ. Qed nistenniek. (*Mużika deskrittiva ta' xi ħadd qed jiġri, eċċitat u malli tiffejdja jinstama' leħen il-Kummissarju*) Iva, sinjura Cassar-Cutajar. Il-każ tiegħek huwa identiku f'kull punt ma' dak tal-Baruni ta' Wied is-Sewda. Issa għandu jiġi wieħed ħabib tiegħi. Tagħtix każ tal-figura tiegħu. Dan ix-xortħendtajpist tiegħi...... irrakkuntalu kollox u huwa jikteb kull ma tgħidlu. Ftehemna? U hekk niffrankaw ħafna żmien.

SIN. C.C. : Dan żgur li ftehemna. L-ittra li bagħtuli dawn il-...... galantomi...... nagħtihielu wkoll?

KUMMISS : Dan żgur. L-ittri tal-...... galantomi, għandhom ikunu preżervati, xejn xejn bħala dokumenti storiċi (*taħbita fuq il-bieb*) Għaddi.

BENDU : Ġejt jien; Sur Kummissarju.

KUMMISS : (*Jaħtfu biex ma jħallihx jikxef l-identità tiegħu*) Sinjura Cassar-Cutajar nippreżentalek lis-Sur...... Mifsud, ix-xortħendtajpist tiegħi.

BENDU : Pjaċir bil-konoxxenza, sinjura Cassar-Cutajar.

KUMMISS : Sur..... Mifsud, jekk jogħġbok oqgħod bil-qiegħda biex tieħu d-dikjarazzjoni li se tagħmel is-sinjura Cassar-Cutajar.

SIN. C.C. : Sur Kummissarju, nitolbok, nagħmlu malajr. Kif. ġà għidtlek dawn il-banavolji tawni żmien sas-sagħtejn biex inweġibhom.

BENDU : Iva, eh? U kif se tweġibhom?

SIN. C.C.: Qaluli biex indendel maktur aħmar mal-gallarija fil-każ nirrofta l-proposta tagħhom, u abjad jekk naċċettaha.

BENDU: Tajjeb wisq. Ultimatum regulari.

SIN. C.C. Ma tistgħux tibagħtu qabda Pulizija u tarrestawhom. Naħseb li se jkunu qrib id-dar tiegħi għall-ħabta tas-sagħtejn!

BENDU: U int fejn toqgħod, sinjura?

SIN. C.C.: Triq il-Merkanti, sewwa sew quddiem il-Liċeo.

BENDU: Kwartier popolat ħafna biex tagħraf galantom minn banavolja. Int dendlilhom l-abjad u l-bqija għal...... idejn il-Kummissarju. Mhux hekk, Sur Kummissarju?

KUMMISS: Hekk hu, hekk hu. Tridx tgħidlu...... tgħidilna. sew sew x'fiha dik l-ittra anonima. U mbagħad ħalli kollox f'idejna. Mhux hekk sur Mu......

BENDU: Mifsud. Hekk hu...... hekk hu. Tista' tagħtihieli ħa nagħtiha daqqa ta' għajn. (*Wara ftit*) Kollox sew, sinjura, tista' tmur.

SIN. C.C.: (*Mistagħġba*) Hekk biss?!

BENDU: Iva. Hekk biss. F'nofs il-lejl sewwa għall-Barrakka t'isfel. Aħjar tmur xi kwarta qabel. Hu miegħek kaxxa żgħira bit-tliet mitt lira — anzi ma talbukx ħames mija bħall-Baruni—ġiethom ħniena minnek, sinjura—u qiegħda sewwa sew fejn qalulek. Fhimt sewwa fejn, hux? In-naħa li tħares lejn is-sur tal-ħaddedin. Qrajtha sew l-ittra, hux hekk?

SIN. C.C.: X'biża' għandi fuqi, x'waħdadin!

BENDU: Le, sinjura, nitolbok. Biża' xejn. Għidilha xi ħaġa int, Sur Kummissarju.

KUMMISS: Dan żgur, dan żgur, biża' xejn. Għalkemm ma se tara lil ħadd f'dawk il-ħinijiet, nassigurak li m'intix se tkun waħdek.

BENDU: Hekk hu. Issa jaqbillek tmur għax is-sagħtejn mhumiex fil-bogħod.

SIN. C.C.: Ih! X'waħdadin! Ġa saru s-siegħa u kwart. Saħħa Sur Kummissarju. Saħħa sur. .... Mifsud, hux hekk?

BENDU: Iva.. ... Mifsud.

SIN. C.C.: Saħħa, u itolbu għalija. Ma għandkomx idea x'biża' għandi fuqi.

BENDU: Agħmel il-ħila, sinjura. U tinsiex il-maktur. L-abjad mhux l-aħmar. Saħħa (*is-sinjura Cassar-Cutajar toħroġ u jinstama' bieb jingħalaq*).

KUMMISS: X'jidhirlek, Muskat?

BENDU : (*B'daħka*) Mifsud, jekk jogħġbok. Ħsibtha tajjeb dik il-bidla.

KUMMISS : Iva. U int, makakk numru wieħed, ma domtx ma fhimtni.

BENDU : Daqs kemm għafast fuq il-kunjom...... Mifsud...... Dan kien jonqos ukoll li ma nifhmekx!

KUMMISS : Issa nerġgħu għas-serjetà. Bendu, is-siegħa waslet. Ħares ftit lejn l-ittra u osservaha sewwa. L-istess kliem. L-istess tajprajter. L-istess sistema.

BENDU : Iva. Imma din id-darba ma bagħtulekx kopja lilek. Mhux hekk? Min jaf il-għala? Tgħid xammew xi ħaġa li hemm imdaħħal jien fin-nofs? Issa se ngħidlek kif tista' tgħinni int, imma qabel xejn nixtieq inqawwilek qalbek u nassigurak li din id-darba jekk ix-xitan mhux tassew magħhom u ma jdeffisx denbu fin-nofs...... favur tagħhom, nassigurak li din id-darba mhumiex se jaħirbulna u tista' tgħid li ġà jinsab.u Kordin.

KUMMISS : Tassew? Ma għandekx idea kemm qed tagħmilni ferħan. Għidli ftit x'bi ħsiebek tagħmel?

BENDU : Ħabib, għalissa ma nista' ngħidlek xejn. Ma rridx li dawn il-galantomi jibdielhom u joħorġuni ta' ħmar. Imma tista' tibqa' żgur li jekk il-kaxxa tas-Sinjura Cassar-Cutajar jisirquha, għada filgħodu ġo Kordin ikunu. It-taqbida se tkun qalila għax ma nafx kemm huma, imma jekk tqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħi tnax-il Pulizjott, b'saħħithom u kuraġġużi, u armati bir-revolvers, ir-rebħa tkun żgur tagħna.

KUMMISS : It-talba tiegħek hija ordni.

BENDU : Mela issa ismagħni sewwa......

*(Il-leħen ta' Muskat u l-Kummissarju jibqgħu jinstemgħu sakemm jiffejdjaw għal kollox u mbagħad tinstama' mużika deskrittiva li tibda tonqos bil-qajla. Mument ta' ħemda. Jinstama' nofs il-lejl idoqq — imbagħad f'daqqa waħda ħsejjes ta' bokkaport qed jinfetaħ u jarġa' jingħalaq. —Mument ieħor ta' ħemda.—Imbagħad ħsejjes ta' bieb qed jiġi mkisser, xi sparar, agħjat u mbagħad jarġa' skiet. — U wara ftit it-telefon idoqq.)*

SPETTUR : Il-Kummissarju hemm?

KUMMISS : Iva...... jien stess...... kif marret l-affari?

SPETTUR : Kollox mexa ħarir. Is-sur Muskat mexxiena tassew bil-għaqal ..... imma t-taqbida ma kinetx taċ-ċajt.

KUMMISS : Hemm xi ħadd imwaġġa'?

SPETTUR : Iva. Dawk id-demonji......
KUMMISS : Mela kienu ħafna?
SPETTUR : Tnejn biss, imma jiswew daqs għaxra.
KUMMISS : Min waġġa'? Aqlagħha!
SPETTUR : Is-Surġent Kamenzuli. Balla laqtitu f'idu u ħadnieh l-isptar.
KUMMISS : Mela użaw l-armi? Ferewh gravi?
SPETTUR : Le, mhux gravi. Dan żgur li użaw l-armi. Tqabdu qishom iljuni feroċi imma kollu għalxejn għax għelibnihom.
KUMMISS : Is-Sur Muskat O.K.?
SPETTUR : Hekk naħseb!
KUMMISS : Kif hekk taħseb? Mela......
SPETTUR : Għax filli kien magħna u filli ma rajniehx iżjed......
KUMMISS : Tajjeb wisq...... dak jaf jaħseb għal rasu. Spettur, issa se mmur nieħu nagħsa għax saru l-ħamsa ta' filgħodu u għadni ma għalaqtx għajn ma' għajn.
SPETTUR : Tajjeb wisq, Sur Kummissarju; għada naraw lil xulxin.
KUMMISS : Il-lejl it-tajjeb jew aħjar bonġornu......

*(Ftit tal-mużika u wara ftit jinstemgħu jdoqqu l-għaxra u taħbita fuq il-bieb.)*

KUMMISS : Minn hemm? Għaddi.
BENDU : Jien, Sur Kummissarju. Bonġu.
KUMMISS : Ara Muskat! Mela inti hawn? Għidli ħaġa int ma torqodx?
BENDU : U kif ukoll, imma bil-lejl biss. Dal-ħin bin-nhar.
KUMMISS : U x'sar minnek il-bieraħ bil-lejl? Qaluli li waqt it-taqbida f'daqqa waħda għebt bħal fatat.
BENDU : Issa ngħidlek kollox. Imma qabel xejn, għandek xejn x'tagħmel?
KUMMISS : Dan żgur li għandi imma għalik se nħalli kollox jistenna. Anzi, stenna mument *(ċempila—jinfetaħ il-bieb u jidħol Pulizjott)* Pulizjott, ma jien hawn għal ħadd.
PULIZJOTT : Tajjeb wisq, Sir *(joħroġ)*.
KUMMISS : Għalina Muskat. Imma qabel xejn ħa nġiblek sigarru milli tassew jixirqulek. Naf li int sigarru tajjeb ma tibdlu ma' xejn, anqas ma' l-isbaħ mara. Dan taħuli Kaptan tal-baħar u tassew famuż. Se nċedieh lilek għax jistħoqqlok. Hudu. Issa tista' tibda.
BENDU : Tiftakar meta bgħatt għalija wara s-serqa tal-Baruni ta' Wied is-Sewda?

KUMMISS: Dan żgur li niftakar!

BENDU: Il-pjan tiegħi, dak in-nhar, kien ġà lest. Int taf kemm inħobb il-professjoni li fiha tinkludi arti u sengħa u xjenza b'rabta bejniethom li mhix ħaġa faċli tiddeskriviha. Din l-imħabba tiegħi ġagħlitni ninxteħet b'ruħi u ġismi għal dan ix-xogħol diffiċli u qalil u waħda mill-konsegwenzi hija li rnexxieli niġbor għadd tassew sabiħ ta' *records* ta' stħarriġ li jsir f'kull pajjiż tad-dinja. Mela malli sar l-ewwel każ ta' serq flejt tajjeb id-dettalji kollha tiegħu u rriferejt ruħi 'l-kotba tiegħi biex nara nsibx fihom xi serq li jixbah 'il dak li kien għadu kif sar ġewwa Malta, min għamlu, x'ħin, f'liema nħawi, kemm kienu, eċċ., eċċ., eċċ. U b'għaġeb tiegħi sibt bla ebda taħbit ta' xejn li serq identiku kien ġà sar diversi drabi f'pajjiżi oħra, imma predominanti fi Spanja, u dan tani x'naħseb li l-ewwel serq tal-ġeneru aktarx kien sar fi Spanja u li fil-pajjiżi l-oħra kienu x'aktarx ikkommmettewh Spanjoli. Mela f'Malta wkoll l-ewwel suspett kien jeħtieġ li jaqa' fuqhom. Ma jidhirlekx?

KUMMISS: Hekk hu, hekk hu.

BENDU: Meta mbagħad saret it-tieni serqa u wara xi sitt xhur oħra, dik tal-Baruni, jien ġà kelli s-sisien lesti biex fuqhom nibni daqsxejn ta' kastell. Mhux hekk?

KUMMISS: Iva, bdejt nifhmek.

BENDU: U għalhekk ma kienx fadalli ħlief nistenna s-sejħa tiegħek. U malli int sejjaħtli jien ma kellix għalfejn nagħmel ħaġ'oħra ħlief nitolbok il-lista ta' l-Ispanjoli, fejn joqogħdu, jekk humiex nies tas-sengħa, eċċ., eċċ. Tiftakar?

KUMMISS: Dan żgur li niftakar.

BENDU: U meta, wara xi ġimgħa, bgħattli dak li tlabtek u li għalihom kont irringrazzjajtek bil-bosta, jiena flejthom sewwa u bla ebda telf ta' żmien u tnikkir, bdejt nistudja l-individwi wieħed wieħed u ma ħadtx ġost ftit meta fosthom insib tnejn li kienu joqogħdu Triq San Duminku, kważi kantuniera ma' Triq il-Lvant, kienu mastrudaxxi u li xi sentejn ilu kienu krew maħżen, ftit 'il bogħod minn darhom, li l-bieb tiegħu kien jinsab fi Triq il-Lvant, fuq is-sur tal-ħaddedin, kważi biswit fejn Triq San Duminku tiżbokka fi Triq il-Lvant. Fhimt sewwa fejn hi l-pużizzjoni? U biex tagħqad il-maħżen kien biżżejjed fond biex jasal sa taħt il-Barrakka t'isfel.

KUMMISS : Kif, kif!?

BENDU : Issa tifhem aktar tard. Malli dan il-fatt ġie stabbilit bdejt inħuf u tgħarrixt sew ma l-inħawi kollha u ġurnata waħda, irtukkat ta' bniedem aktarx batut il qed ifittex ix-xogħol, dħalt għandhom biex nitlobhom għajnuna. Keċċewni 'l barra bil-herra. Imma jien bqajt imwaħħal hemm u għidtilhom li mhux karità kont qed nitlob, imma xogħol. U bqajt inkellimhom u ninsisti u nitlobhom u ndejjaqhom, imma kollu għal xejn, għax ma riedu jafu b'xejn u kważi kaxkruni 'l barra, avvolja bdejt nibkilhom u ngħidilhom li jien bil-ġuħ u li kelli familja kbira fuq spallejja.

KUMMISS : Eh! kemm int makakk, Muskat! U mbagħad x'għamilt?

BENDU : Bis-sewwa jew bid-dnewwa kelli noħroġ, l-aktar għax wieħed minnhom għal ftit ma tajjarlix il-parrokka minn rasi, imma kont ilħaqt ħadt minnhom dak li kelli bżonn. Għax sadattant li kont qed nitlewwem magħhom kont assigurajt ruħi li ma kellhom lil ħadd jaħdem magħhom, li xogħol qajla kellhom x'jagħmlu, biex ma ngħid xejn, u...... din hi l-iżjed ħaġa impurtanti......, fil-fond tal-ħanut, li kien għoli biżżejjed, u li kien jidher aktar fond mill-oħrajn ta' qribu, u li kien mudlam sewwa, fil-fond kien jidher kemm kemm sellum, aktarx kbir li kien donnu taraġ, u li kien jilħaq kważi sas-saqaf u jagħti għal fuq raff donnu palk fl-ajru.

KUMMISS : Ma tantx qed nifhmek sewwa!

BENDU : Ma hemmx wisq x'tifhem. L-affari ċara daqs il-kristall. Dawk l-imgħarrqin kienu ħaffru s-saqaf tal-ħanut u għamlu toqba li tinfed sewwa sew taħt il-Monument ta' Alexander Ball u hejjew bokkaport li l-għatu tiegħu ma kienx ħaġ'oħra ħlief dak il-bieb imbarrat li jagħti, min-naħa ta' barra, taħt il-Pedistall tal-Monument li magħha kienu jitqiegħdu l-kaxex ta' dawk l-imsejkna vittmi tal-ħallelin, jiġifieri n-neguzjant Borg, il-Konti Gatt, il-Baruni ta' Wied is-Sewda, u dan l-aħħar is-Sinjura Cassar Cutajar.

KUMMISS : X'demonji!

BENDU : U malli jasal il-ħin iffissat minnhom, il-għatu jinqaleb 'il ġewwa, jixħet 'l isfel ġewwa l-ħanut il-kaxxa bil-flus, u jarġa' għal postu f'radda ta' salib, biex ma jħalli ebda ħjiel, ebda traċċa ta' dak li ġara, u naturalment, f'dak id-dlam, wieħed kien jisma' biss ċekċik, ħsejjes, tħaxwix...... u xejn aktar.

KUMMISS: Bravu Muskat! Imma int demonju aktar minnhom.

BENDU: (*Jidhak*) Le, xejn minn dan, jien anġlu tas-sema u huma anġli ta' l-infern. Imma...... ħallini nkomplilek. Mela malli stabbilejt dan il-fatt mort għall-fażi l-oħra. Għamiltha ta' student malti mill-Eġittu li ma kellix biżżejjed flus biex noqgħod f'lukanda, u deffist rasi ma' familja f'dar li kellha gallarija li tagħti sewwa sew quddiem il-ħanut ta' l-Ispanjoli. U meta taparsi qed nistudja, kont noqgħod fil-gallarija u minn hemm għaraft kulma kelli bżonn biex dejjem nagħlaq iċ-ċirku madwar għonqhom: jiġifieri x'ħin kienu jiftħu l-ħanut, filgħodu u wara nofs in-nhar, x'ħin kienu jagħlqu filgħaxija, min kien jidħol u joħroġ minn għandhom, xi kwantità ta' xogħol u kwalità kienu jagħmlu, ecc., ecc. Issagrifikajt xahar sħiħ fuqhom u sirt naf kulma ridt. Imbagħad għidt lis-sinjura li kont krejt minn għandha li l-arja ta' Malta ma kenitx wettqitni u tlaqt il-kamra. Imma l-pjani tal-battalja kienu lesti kollha u kont żgur mis-suċċess. Malli inti ittelefonajtli u wara ippreżentajtni bħala xorthendtajpist lis-sinjura Cassar-Cutajar taħt l-isem ta' "Is-Sur Mifsud", jien malajr fhimtek.

KUMMISS: Dan jonqos li ġurdien xiħ bħalek ma jifhimx ħaġa hekk ċkejkna.

BENDU: U kont tlabtek il-għajnuna ta' tużżana qalbenin. Ingħidlek is-sewwa ma kontx żgur jekk barra mit-tnejn li għaraft jien, kellhomx xi kompliċi oħra, sħabhom oħra li ma jidhrux ħlief fil-mumenti tal-bżonn. Jien lin-nies tiegħek ippustjajthom f'diversi djar u ordnajtihom li ma' l-ewwel tisfira tiegħi kellhom johorġu qishom iljuni, iħabbtu fuq il-bieb tal-maħżen u jekk ma jiftħulhomx malajr, jitfgħu l-bieb ġewwa u jarrestaw lil kull min isibu hemm ġew. U hekk ġara. Ma' nofs il-lejl sewwa nstama' s-soltu ħoss ta' ċekċik, tħaxwix, ecc. Jien li kont qrib il-bieb tal-maħżen liebes ta' tfajla qed nimnamra ma' raġel aktarx twil, li ma kienx ħaddieħor ħlief Ġeraldu, il-qaddej tiegħi, irtukkat li ma jingħarafx, stajt nisma' aħjar il-ftuħ u l-egħluq tal-bokkaport u ċ-ċekċik tal-molol tal-ħadid u saffart b'kemm kelli saħħa u ħila.

KUMMISS: N'eċċitament qed tqabbadni, Muskat. Dnub li ma kontx hemm magħkom.

BENDU: F'daqqa waħda mill-bibien ta' xi tlitt idjar, dehru ħerġin tużżana ombri suwed li f'kemm ili ngħidlek faqgħu

ġewwa l-bieb tal-maħżen. Hemm ġew saret taqbida xi ħaġa. Kien hemm ukoll xi sparar. Jien u Ġeraldu qagħadna barra għalli jista' jkun. Kieku xi wieħed mill-ħallelin ipprova jaħrab kien ikollu jagħmel il-kontijiet magħna. Għax jew jien jew Ġeraldu konna nmidduh żgur. Mhux hekk?

KUMMISS : Dan żgur, dan żgur.

BENDU : Imma minn dan ma ġara xejn għax l-irġiel tiegħek ħadmu tassew bil-għaqal u rassewhom f'rokna sa kemm immanettjawhom. Madankollu kienu tużżana kontra tnejn u ma kellhom ebda ċans jaħarbu mill-qilla tagħhom; għalhekk il-kotra għelbet il-ħżunija. L-irġiel tiegħek—avvolja ż-żewġ vagabondi kienu armati—ma beżgħux minnhom u daħlu fuqhom.

KUMMISS : Bravi tassew.

BENDU : Jisgħobija. kif naħseb ġà taf. li s-Surġent Kamenzuli baqa' ferut f'idu imma, għall-grazzja t'Alla, ma għandu xejn gravi.

KUMMISS : Nizżuħajr 'l Alla!

BENDU : Jien innifsi mort sa l-Isptar biex inkun żgur li kollox sewwa.

KUMMISS : Grazzi tassew.

BENDU : U kif wegħedtek iż-żewġ ħallelin jinsabu arrestati u dak li serqu jinsab f'idejna bħala l-aqwa xhieda kontra tagħhom.

KUMMISS : Bravu, Muskat. Prosit tassew!

BENDU : Issa nħallu f'idejn il-Ġustizzja biex isir ħaqq minnhom u nitolbok tirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu id f'id miegħi biex inħollu din il-kobba mħabbla, insolvu l-misteru tal-Barrakka t'isfel.

KUMMISS : Ma nafx kif se nibda nirringrazzjak u nikkumpensak.

BENDU : Sa ngħidlek jien. Issa ħallini mmur norqod raqda kif tmiss il-lejl. Ara li l-kumpilazzjoni tibda malajr biex malli tispiċċa...... ħmistax-il jum l-Isvizzera. Dan hu l-kumpens li nixtieq ikolli. Inti tiġi miegħi?

KUMMISS : Ma jistax ikun. Dnub tassew! Agħtini idek hawn. Grazzi mill-qiegħ ta' qalbi, Muskat, u Alla jagħtik is-saħħa biex tkompli tiswa għall-ġid ta' l-umanità.

*(Mużika sabiħa u aktarx grandjuża.)*

TMIEM TAR-RADJODRAMM

# L-AHWA CATANIA

## BUZZETT DRAMMATIKU

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

Stampat fid-Dar ta' S. Ġużepp—Hamrun.

Ħadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion, jew juża xort'oħra din il-biċċa teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieb.

## JIEHDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| ĊETTA | (78) |
| PAWLU | (74) |
| FONSU | (72) |
| GEJTU | (70) |
| It-Tabib ZAMMIT | (40) |

---

**Fostna: Il-lum.**

# KELMTEJN QABEL

IRRID ninsa għal mument li l-awtur ta' dan il-buzzett drammatiku huwa ħija Ġino. Madankollu l-ħila ta' ħija bħala "kittieb tal-palk" hija tant magħrufa li ma għandhiex bżonn tattifħir tiegħi; iżda din id-darba kien jeħtieġli ngħid dawn il-kelmtejn għax l-awtur, b'din il-biċċa xogħol ma riedx bħas-soltu jagħtina biċċa xogħol ta' psikoloġija li minn fomm l-artista tgħaddi għal fuq il-pubbliku u ġġagħlu jħoss ferħ jew niket, iġġagħlu jara fl-artist il-bniedem li jgħix fostna fil-ħajja ta' kuljum u li aħna ftit nagħtu kas tiegħu.

F'kelma waħda l-awtur b'din il-biċċa xogħol ried jagħmel esperiment u studju fuq il-pubbliku aktar milli studju letterarju u drammatiku.

L-awtur sejħilha "buzzett drammatiku". Il-qarrej jista' jsejħilha li jogħġbu hu, imma nista' ngħidlu minn issa li fiha ma huwa sa jsib xejn partikulari, jiġifieri u la *plot* komplikat u la nisġa elaborata.

L-akbar parti tal-buzzett tikkonsisti f'djalogar naturali u final mhux mistenni.

Djalogar aktarx brillanti l-ħin kollu u final traġiku li jasal f'kolp wieħed.

L-awtur mela ried jara jekk il-pubbliku jafx u jistax jimxi mas-sitwazzjoni.

L-awtur dan il-buzzett kitbu bħala esperiment, u jien nixtieqlu suċċess.

IVO MUSCAT-AZZOPARDI.

San Ġiljan, 25. 10. 52.

# L-AHWA CATANIA

## BUZZETT DRAMMATIKU

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

## XENA:

*Kamra b'mobbli x'aktarx qodma kif ikollhom nies ta' nofs kedda. Vetrina mimlija b'fajjenza, figurini, tazzi, eċċ. Gradenza naħa oħra bis-solti tliet bozoz fuqha, waħda b'arloġġ indurat u t-tnejn l-oħra b'vażett bi fjuri artifiċjali. Tavolin imgħotti b'tapit, u b'qasrija tarram fuqu. Ritratti ta' nies tal-familja mdendlin 'il hinn u 'l hawn. Inkwatri taż-żejt u imitazzjonijiet kemm trid. Bieb fil-fond li jagħti għal isfel u ieħor f'kull ġenb. Xi lampa kbira milli kienu jużaw fl-antik. Kollox jidher li f'din il-kamra jgħammru nies xjuħ li jgħixu bil-ftit renta li għandhom.*

ĊETTA: *(Xiħa ta' madwar 80 sena, tinsab fuq pultruna b'kutra tas-suldati fuq irkobbtejha; marida; xalpa tas-suf madwar għonqha maqfula fuq sidirha. Xall ieħor tas-suf ukoll, mitfugħ fuq dahar il-pultruna għal meta tħoss il-bard. Hija qiegħda traqqa' flokk ta' raġel).*

FONSU: *(Xiħ ta' madwar it-72 sena, iżda li jġibhom tajjeb, jidħol wara ftit)* Għaddi... għaddi. sur duttur... *(lil Ċetta)* Ċett, ara min ġie jarak dalgħodu... it-tabib, Ċett...

TABIB: *(X'aktarx żagħżugħ, bis-solita valiġġetta f'idu)* Kif inhija x-xwejħa tagħna?

ĊETTA: Idħol, sur duttur... tih siġġu Fons...

TABIB: *(Ipoġġi l-valiġġetta u l-kappell fuq siġġu u jieqaf iħares lejn ritratt imdendel mal-ħajt ħdejn is-siġġu)* Dan ix-xiħ tagħkom, Fons?

FONSU : Le! Dak, Alla jaħfirlu, ħija Salvu, ma naħsebx li lħaqtu int...
TABIB : Kemm ilu mejjet?
ĊETTA : Tgħid m'ilux xi tletin sena?
FONSU : Ilu żgur... jien mhux dejjem kelli erbgħin sena meta ħalliena? Il-lum qbiżt is-sebgħin...
TABIB : (*Dejjem jifli r-ritratti u l-oġġetti tal-vetrina*) Ma jidhrulekx, tafx Fons; u Ċetta tagħna?
ĊETTA : Jien kont il-kbira fost l-aħwa... ikolli ngħid m'aħniex bogħod għat-tmenin.
FONSU : Jien ma ngħidx li għandek tmenin, Ċett...
ĊETTA : Fl-annu sessantanove... agħmel ftit il-kont sur duttur.
TABIB : Sessantanove... wieħed u tletin għas-seklu u sebgħa u erbgħin fuqhom... hemm aħna : tmienja u sebgħin...
FONSU : Ma għidtlekx li ma għandekx tmenin...
ĊETTA : U iva... tmenin u tmienja u sebgħin... Xriku ħu Briku.
TABIB : U tgħid xi tnejn ma ħbejtx, Ċett?
ĊETTA : Tgħid int nagħmel bħan-nisa ta' daż-żmien...
TABIB : Huwa bili tgħix kemm-il sena għandek m'inti sa ssib lil ħadd jeħodlok xi għaxra minnhom...
FONSU : U żgur ukoll. Mhux dik il-kistjoni? Issa billi hawn ħafna jbiddlu snienhom, u jbiddlu l-lewn ta' xagħarhom? La ma tistax tbiddel il-fidi tal-Magħmudija x'jiswa?
ĊETTA : Il-Kappilan iħoll u jorbot...
TABIB : (*Dejjem bħal qabel*) Allura, Fons, inti taħbat iż-żgħir fost l-aħwa?
FONSU : Leqq! Ċetta l-kbira, warajha, Alla jagħtih il-Glorja tal-ġenna, ħija Salvu, imbagħad Pawlu, wara jien u Gejtu ż-żgħir nett...
TABIB : Mela Gejtu l-benjamin!
ĊETTA : Gejtu tmien snin iżgħar minni sewwa sewwa...
TABIB : (*Imur fuq Ċetta*) Intant, int kif tħossok?
ĊETTA : Narani sejra lura bħal granċ... sa għajnejja ħallewni... nistħi ngħidlek, sur duttur, li biex inraqqa' dan il-flokk ta' Pawlu, kelli nsejjaħ lil Fonsu sabiex idaħħalli l-ħajta fil-labra...
TABIB : U iva, b'daqshekk ma ġara xejn... Hawn tfal ta' għoxrin sena diġà bin-nuċċali.
FONSU : Mhux dan li ngħidilha? Iżda mur fehemha... Waħħlet f'rasha li ta' tmenin sena għandha tibqa' tiġri u titħabat bħal meta kellha ħamsa u għoxrin...

ĊETTA: U kif għaddew dawn it-tmenin sena, hux, sur duttur?

TABIB: Iż-żmien jgħaddi, jiena żgur ma ngħix daqshekk...

FONSU: Leqq! Dak ma tistax tgħidu, forsi tgħix mija; jiena wkoll, kienu għamluli l-Griżma meta kelli sentejn għax it-tobba kienu qatgħu qalbhom minni... safrattant għext sebgħin sena oħra.

ĊETTA: Iżda, sur duttur, għal din il-marda tiegħi ma jagħtux irkaptu? Imgħaġġbin x'inhuma jivvintaw it-tobba ta' barra daż-żmien...

TABIB: *(Bi tbissima)* Jista' jkun li għad isibu xi rimedju... ma nafx... Għax int, Ċett, kif dejjem ingħidlek, proprjament lanqas tista' tissejjaħ marida... moħħok għadu ċar aktar minn tiegħi, l-intern, Alla jbierek, għadu intatt... l-istonku, id-demm... kollox għadu tajjeb...

ĊETTA: Din l-imgħarrqa qalbi...

TABIB: Lanqas ma tista' tgħid li qalbek marret... għandek kollox għadu tajjeb, iżda kollox għajjien... kollox għandu tmenin sena...

ĊETTA: Fi ftit kliem qiegħda nnin bin-naqra n-naqra...

FONSU: Insomma għandna nwillu. Min b'qalbu, min bil-fwied, min b'xi ħaġa oħra... għal din id-dinja m'aħniex u fl-aħħar irridu nagħmluha.

TABIB: U nirringrazzjaw dejjem lill-Bambin li silifna dan il-għomor kollu.

ĊETTA: Dak mitt darba u elf! Allaħares kelli noqgħod insemmielkom lil dawk kollha li twieldu warajja u rajthom imutu ma' tul ħajti.

TABIB: Ara Ċett... fid-dinja kollox għandu l-irpos tiegħu: il-moħħ jistrieħ waqt li l-bniedem ikun rieqed, ir-riġlejn, il-għajnejn, l-istonku, kollox, insomma, għandu l-mistrieħ tiegħu... u mhux dan biss: arloġġ xi darba jispiċċalu l-ħabel u jieqaf, il-ferrovija tieqaf għal xi ftit fl-istazzjon, il-vapur, l-ajruplan, kollox insomma... iżda l-qalb, le: il-qalb biss ma tieqaf qatt.. u gwaj jekk tieqaf għal nofs minuta biss... il-qalb sejra dejjem...

FONSU: Imbierka s-Sapjenza t'Alla!

ĊETTA: Tiskanta kif fi tmenin sena sħaħ...

TABIB: Tmenin sena, lejl u nhar, il-ħin kollu... fl-aħħar tagħja.

FONSU: Tagħja żgur...

ĊETTA: Kos, tmenin sena fihom!

TABIB : Int stess lanqas tista' timmaġina. Tmenin sena sejra dejjem.. b'danakollu, avvolja qalbek xjiehet u tinsab fjakka, ma tistax tgħid għadx tkompli tħabbat sena, ħamsa, għaxar snin oħra. Trid tibża' għaliha : xejn taħbit, xejn taraġ...

ĊETTA : X'taraġ, taraġ...

TABIB : Xejn inkwiet. Ikel ħafif... kliem mill-inqas u rpos kemm tiflaħ. Dawk il-qtar li kont ordnajtlek għadek teħodhom?

FONSU : Dan żgur; tliet darbiet kuljum.

TABIB : Jidhirli li ma għandix x'ingħidlek aktar... ħalli nara ftit il-polz (*Jaralha l-polz—u wara ftit*) Is-soltu...

ĊETTA : Meta terġa' tiġi tarani, sur duttur?

TABIB : Verament, jiena ma għandix għalfejn niġi narak ta' spiss; il-lum kont għaddej minn hawn u fettilli nitla' nara kif inti... Kif għidtlek, jiena ma nista' nagħmillek xejn..

FONSU : Iżda dawk il-qtar tibqa' teħodhom, hux veru?

TABIB : Mela le! Dejjem igħinuha... m'humiex sa jirranġawlha qalbha, tafx, iżda dejjem jgħinuha, insomma... (*jieħu l-kappell u l-valiġġetta*) Selluli għal Pawlu u għal kulħadd. Saħħa, Ċett...

FONSU : Ħalli nwasslek...

TABIB : M'hemmx għalfejn, Fons, it-taraġ żejjed lanqas għalik m'huwa tajjeb.

ĊETTA : Ejja arani, taf, sur duttur...

TABIB : U mela le!... Bonġornu. (*jitlaq*).

ĊETTA : (*Lil Fonsu*) Kif igħaddi ż-żmien, għadni nara lil ommu sa titgħarras...

FONSU : U tgħarrset, u żżewġet, u keillha tifel, u kiber, u sar tabib .. u qalbek baqgħet tħabbat dejjem, Ċett...

ĊETTA : Fons, lil Gejtu rajtu?

FONSU : Mela le? Ma nafx kif għadu ma wasalx; kien il-quddies tat-tmienja; kellu jmur jara lil ma nafx lil min u jibqa' ġej hawn dritt.

ĊETTA : Dawk it-tiġieġ tajthom xi ftit qaramboċċ?

FONSU : Tajthom... donnhom bdew jerfgħu mill-bajd, il-lum ma ġbartx ħlief tnejn.

ĊETTA : Waħda għalik u l-oħra għal Pawlu; bajda friska tiftaħlek għajnejk... Mhux li kien Gejtu jiġi qabel jasal Pawlu...

FONSU : U ħilli jkun hawn Pawlu sa taqa' d-dinja?

GEJTU : (*Minn isfel, igħajjat*) Fons?... Ċett?... Fonsu?...

ĊETTA : Wasal ..

FONSU: (*Fuq il-bieb tan-nofs*) Itla' Gejt... itla'... (*lil Ċetta*) Ċett x'inwaddab fil-brodu? Ftit ross jew tarja fina?

ĊETTA: Pawlu donnu aktar iħobb ir-ross.

GEJTU: (*Raġel ta' madwar is-70 sena*) Kif aħna, Ċett? Kont qiegħed nitkellem mat-tabib; qalli li m'intix ħażina...

ĊETTA: U jekk m'inhiex ħażina lanqas jien tajba: qalbi fjakka... marret... int kif int, Gejt?

GEJTU: Jien ma nistax ingerger... U int, Fons?

FONSU: Lili kif tarani pinġini. Irrid insajjar, irrid noħroġ nixtri... quddiesa nisraqha bħal ħalliel... irrid nilħaq mad-dar u issa, biex tagħqad, fl-aħħar ta' ħajti kelli nsir infermier ukoll.

GEJTU: Ċett, mhux għax irrid nindaħlilkom, iżda, kif qatt ma tħajjartu tagħmlu konsulta? Mhux għax ma għandix fiduċja fit-tabib Zammit, tafx? Iżda, imgħaġġbin hawn professur ġdid kemm huwa bravu.

ĊETTA: Din il-konsulta għalfejn?

FONSU: Agħmel kont billi wieħed jagħmel konsulta ma jitlef xejn... ma naħsibx li t-tabib sa jieħu fastidju...

ĊETTA: U x'konsulta, konsulta! Araw issibux min irid jixtri xi ħamsin sena milli għandi fuq spallejja...

GEJTU: Dak x'għandu x'jaqsam? Naf li dan il-professur ġdid qiegħed jagħmel il-mirakli. Lil Kelinu, it-tifel ta' Saver *it-tewmi* tafuh?... ħames snin kien ilu f'qiegħ ta' sodda, rawh it-tobba ta' Malta kollha u ħadd ma sab irkaptu... sa Sqallija kienu ħaduh... il-lum, Alla jbierek, jekk tarah!...

ĊETTA: U kemm-il sena għandu?

FONSU: Ma għandux għoxrin sena, tgħid?

ĊETTA: Għoxrin sena... għoxrin sena... meta jiena kelli għoxrin sena...

GEJTU: X'għandu x'jaqsam, Ċett?

ĊETTA: U mela ma għandux x'jaqsam? Għoxrin sena bħal tmenin?

GEJTU: Il-bieraħ fil-gazzetta kont qiegħed naqra li wieħed l-Amerka għalaq mija u għoxrin sena...

FONSU: 'Imbierka s-Sapjenza t'Alla!

ĊETTA: U Ġieżu Ġież...mija u għoxrin sena! Erbgħin sena akbar minni. U int dawn il-praspar temminhom?

GEJTU: Mela ma temminhomx? Ma temminhomx il-għala? U Pawlu x'igħid? Qatt ma ħajrek biex tagħmel konsulta?

FONSU: S'issa qatt ma qal xejn...

GEJTU : Ma jmissux... dak *bravu*... dak jifhem f'kollox...
ĊETTA : Jaf li żmien mitluf...
GEJTU : Dan żgur, dak sargu!... dak għaref tant!...
ĊETTA : Jaħasra Gejt... ma nibdewx bħas-soltu...
GEJTU : Ma nibda xejn... jien għall-ġid tiegħek qiegħed ingħidlek... jiena qatt ma bdejt il-ġlied jien... u, jekk m'inhix miġbur hawn magħkom imħabba fih...
FONSU : Għax int qatt ma terħilu waħda għaddejja, Gejt...
GEJTU : Le, inħallih jagħmel bija u bi flusi dak li jrid u dak li jogħġbu!
ĊETTA : Iva aħna m'aħniex flimkien? Qatt ikollna x'ingħidu? Tkellem Fons: qatt ikollna x'ingħidu?
FONSU : Kulħadd jagħmel xogħlu u barra bid-daqq...
GEJTU : Għax sabkom żewġ bċieċen...
ĊETTA : Bċieċen? Bċieċen kif?
FONSU : Bċieċen xejn! Jien ninqala' għad-dar u nagħmel ix-xogħol tad-dar, huwa jinqala' għall-kontijiet u jieħu ħsieb il-kirjiet u l-flus...
ĊETTA : ...u jiena ma ninqala' għal xejn u noqgħod hawn impannata .. ..
FONSU : Naf li fi xjuħitna jmissna rabbejna aktar għaqal milli għandna; kieku wieħed flok kelmtejn igħid waħda biss, kieku ninsabu miġburin hawn l-erbgħa li aħna u ma waqajniex fi lsien in-nies...
GEJTU : Hallik min-nies, Fons... lili n-nies qatt ma beżżgħetni.
FONSU : Ma nafx... ma nafx... ara sejjer nara dak il-brodu li hemm fuq in-nar... (*lil Ċetta*) Ross, hux, għidtli nwaddab?
ĊETTA : Għad hemm xi ftit imnoqqi? Jekk ma hemmx ġib hawn innaqqilek ftit malajr...
FONSU : U hemm... mela ma hemmx... (*jitlaq*).
ĊETTA : Twaddabx aktar minn nofs kikkra...

(*Wara pawsa ċkejkna*)

GEJTU : (*Ipoġġi bil-qiegħda ħdejn Ċetta*) Ċett, aqtagħli kurżità: dik il-għalqa li kienet messitek fuq ir-riħ ta' Ħaż-Żabbar, b'kemm hija mqabbla fis-sena?
ĊETTA : Ma nafx sewwa, Gejt, għax Pawlu jieħu ħsieb kollox, iżda, dik x'tista' ġġib? Għaxar liri fis-sena?
GEJTU : Għaxar liri? X'inti tgħid? Għaxar liri kienet imqabbla fi żmien missieri...
ĊETTA : Mela daqshekk għadha għax Pawlu la qatt għolla qbiela u lanqas kera...

GEJTU : Għax għaref... għax bravu... il-għalqa li tmiss ma' tiegħek għadhom kemm tawha ċens bi tmintax irbiegħi l-qasba...

ĊETTA : Jien, jaħasra! ma nifhimx...

GEJTU : U donnu lanqas Pawu ma tant jifhem, jew ma jridx jifhem... B'li tavanzaw fuq dik il-għalqa tistgħu ġġibu l-aħjar seftura ddur bikom.

ĊETTA : Seftura hawn ġew? Mela ndum ma ndaħħal mara barranija naraha tieko! f'wiċċi, kieku mmut l-għada.

GEJTU : Int taħseb li Fonsu jiflaħ għat-tisjir u għall-faċendi tad-dar?

ĊETTA : Għaliex? M'aħniex għaddejjin?

GEJTU : Dan żgur... wieħed jilgħabha ta' sinjur, jippassiġġa barra u fil-każini, u l-ieħor isefter. Ma ħsibtx, jewwilla, li Fonsu ta' l-azzar, hux?

ĊETTA : Int dejjem b'xi waħda ġdida, Gejt... Seftura jonqosna! Inġibu waħda minn dawk li kienu ma' l-Ingliżi, minn dawk li jinżebgħu...

GEJTU : Mela hemm bżonn tkun waħda milli jinżebgħu? Mara ndaħħla fiż-żmien li tieħu ħsieb it-tisjir, it-tfarfir u x'naf jien.

ĊETTA : Għalija ma tantx hemm bżonn ta' tisjir u Pawlu u Fonsu m'humiex imdorrija jieklu minn taħt idejn mara barranija.

GEJTU : Jidraw... jidraw...

ĊETTA : Iva... ħalli jagħalqu t-tmenin sena bħali...

PAWLU : (*Xiħ ta' madwar 74 sena. Jidħol min-nofs*) Jien hawn Ċett... Fonsu fejnu?

ĊETTA : Għalija isfel... fil-kċina...

PAWLU : Mill-ġdid inqala' xi ħaġa?

ĊETTA : Xejn, Pawl; ftit ilu kien hawn it-tabib... fettillu jgħaddi jarani.

PAWLU : Bravu! U x'qallek?

ĊETTA : Bħas-soltu: nissokta nieħu dawk il-qtar, ikel ħafif, u taħbit xejn.

PAWLU : Jiena dieħel f'kamarti, meta tkun waħdek sejjaħli ......(*ikun sejjer*).

GEJTU : (*Iqum minn postu*) Tista' tibqa' hawn... jiena ħiereġ...

PAWLU : (*Bi bruda*) Għalija tista' tibqa' kemm trid; jiena ma inhix inkeċċik...

GEJTU : Naf, iżda tidher li ma tantx ħadt pjaċir bija...

PAWLU : Tista' toqgħod hawn sa għada; din id-dar mhix tiegħi waħdi... kif għandi sehem jien, għandha sehem Ċetta u għandu sehem Fonsu.

GEJTU : U jien ukoll; tinsiex li jien ukoll għandi mir-raba' waħda.

PAWLU : Ta' sehmek dejjem tajnik il-kerá li tlabtna...

GEJTU : Naf... u dejjem tajtkom l-irċevuta... Taf x'hemm tajjeb, Pawl? Li minix niekol bil-kera li qiegħed tagħtini inti... lanqas għas-sigarretti ma jservuni...

ĊETTA : Ma nibdewx bħas-soltu, Gejt.

GEJTU : Mhux hu beda bil-kera u mhux kera? Jien semmejtlu xi flus? Jien la għandi bżonn lilu u m'għandi bżonn lil ħadd, niżżi ħajr lis-sema...

PAWLU : Dan żgur... professur bħalek...

GEJTU : Le, int professur... ara toħroġx għall-pulitka forsi jagħmluk Ministru tat-Teżor... biżżejjed tgħidilhom kif qed tmexxi r-renti ta' oħti biex itellgħuk fis-Sala ta' l-Arazzi...

PAWLU : Xi trid tgħid biha din, Gejt? Ma tridx forsi tgħid li qiegħed nisraq lil ħuti, hux?

GEJTU : Tisraqhom le...

PAWLU : Mela?

GEJTU : Li qiegħed tmexxi l-wirt li missehom ħuti mill-agħar li tista'.

ĊETTA : Gejt, ħallik minn dan, issa...

GEJTU : U kif inħallini minn dan? Mela jekk inhuwa ħuk, jien m'inhix ħuk ukoll? Għax għandu jitfagħkom lura?

ĊETTA : U issa baqgħalna żmien nimxu 'l quddiem?

PAWLU : (*Lil Gejtu*) Skużi, tafx... F'hix qiegħed inwaddabhom lura lil ħuti?

GEJTU : Taf xejn li dik il-għalqa li tmiss ma' dik ta' Ċetta, ta' fuq ir-riħ ta' Ħaż-Żabbar, għadhom kemm tawha ċens bi tmintax irbiegħi l-qasba?

PAWLU : B'daqshekk?

GEJTU : U int bqajt tqabbilha b'għaxar liri fis-sena... Il-lum fadal għelieqi ta' għaxar liri fis-sena?

PAWLU : Inti dik tiegħek? Forsi ma rridux ngħollu qbiela! Dik tiegħek?

GEJTU : Lanqas hija tiegħek. U meta tista' ddaħħal lil oħti tletin lira ma għandekx iddaħħlilha għaxar liri biss...

PAWLU : U erħina, Gejt! Imbagħad dan għalfejn? Biex inżi-

du għoxrin lira fis-sena? Aħna għalina kull ftit wisq u, nižžu ħajr 'l Alla ma għandniex bżonn ta' flus...

GEJTU : Skużani ħej... ma kontx naf li rbaħtu tad-Derby...

PAWLU : Tad-Derby forsi rbaħtu int, għax is-soltu int tmur il-Marsa għat-tiġrijiet..

GEJTU : Billi mmur il-Marsa? Il-Marsa mhux diżunur, basta ma mmurx għand Karla tal-*laundry*...

PAWLU : (*Maqrus, jagħti daqqa ta' ponn fuq il-mejda*) Ara, ħaqq... ma ssemmix nies! Għax ara kemm jien raġel sewwa

ĊETTA : (*Tgħajjat*) Fonsu! Fonsu! Ejja, Fons, jaħasra!... (*tibqa' tgħajjat sakemm ..*)

PAWLU : (*Jissokta dejjem aktar sħun*) ...fl-aħħar nagħmillek waħda tinkiteb...

GEJTU : (*Lil Ċetta*) Erħilu jitqalleb... dak qatt ma beżża' lil ħadd...

PAWLU : Jien għad nibagħtek l-isptar... nurik kif issemmi lin-nies hawn ġewwa...

ĊETTA : (*Dejjem tgħajjat*) Ejja, Fons... ejja... sa jitqatlu...

GEJTU : Obżoq... obżoq... biex tistrieħ...

PAWLU : Ilsienek għad fih l-istess velenu li kellu meta kont għadek ta' għoxrin sena...

GEJTU : U int għadek iżżommna bi tfal bħal meta kellna għox-rin sena...

FONSU : (*Jidħol—aktarx inkwiet*) X'ġara? X'reġa' ġara?

PAWLU : Dak... jiġi taparsi jara lil Ċetta biex bl-iskuża tagħha jaqla' l-imrar li għandu kontra tiegħi.

GEJTU : (*Lil Ċetta*) Min beda? Jekk int mara għid min beda minna...

ĊETTA : Jaħasra sa toqtluni... sa toqtluni...

FONSU : (*Bejn l-aħwa*) Iva ma trabbux ftit għaqal? Lanqas minn oħtkom ma tistħu? Tafu li hi marida, li l-inkwiet jagħmlilha d-deni...

PAWLU : (*B'daqqa ta' ponn oħra fuq il-mejda*) Saħħa jiġi f'dari... jinsolentani wkoll?

GEJTU : U għid li bdejt tiżmaga...

FONSU : Gejtu... Pawlu ...għal ruħ ommna l-għażiża... dan kif sirtu? Donnkom kelb u qattus...

ĊETTA : Qishom ix-xitan u s-salib...

PAWLU : Mhux hu beda? Jien kellimtu?

GEJTU : Bdejt int! Kont mejjet biex tisfoga!

FONSU : Iva x'ġara? Nista' nkun naf x'ġara? Lanqas ħaqq li ndaħħku l-ġirien bina.

ĊETTA : Jaħasra! lanqas ħaqq il-qatgħa li tawni... Kienu sa jaqbdu f'xulxin, Fons.. kienu sa joqtlu lil xulxin...

FONSU : Dan jonqos. Flok li ngħixu l-erbgħa flimkien ta' aħwa li aħna... naqbdu f'xulxin... dan jonqos. Puhhh! għalina. Sirtu agħar miċ-ċrieċer tal-kerrejja tagħna...

ĊETTA : Fons, jaħasra! agħtini qatra xi ħaġa għax qiegħda nħoss rogħda ma' ġismi kollu.

FONSU : Dak hu! Ħudu gost, ħudu pjaċir... jien indur biha l-ġurnata kemm hi twila u intom fl-aħjar tirvinawli xogħli kollu...

PAWLU : Fejn hu l-brandy, Fons? (*ifittxu*).

GEJTU : Brandy għandha qalbha fjakka?

ĊETTA : Kemm immissu naqra ma' xofftejja, jaħasra!...

FONSU : (*Li sa dan il-waqt ikun sab il-flixkun tal-brandy u tah lil Ċetta*).

ĊETTA : (*tmissu ftit ma' xofftejha*) Hekk... nofs qatra... mur ġib lil ommi u lil misseri jarawkom titgħajru...

FONSU : Iva int toqgħodx tinkwieta ruħek... issa ma spiċċax kollox?

ĊETTA : Int ma tafx x'qatgħa tawni! Ma tafx qalbi kif bdiet tħabbat...

FONSU : Issa oqgħod ftit bi kwietek, forsi fl-aħħar il-Bambin jilluminahom...

GEJTU : Jien ħlift kemm-il darba li hawn ġew ma nirfisx aktar... inrodd salib għal wiċċi u ma nidħolx aktar f'din id-dar...

FONSU : Imma dawn x'raġunijiet huma? Għax ma għandekx tidħol aktar?

GEJTU : Jien dan l-inkwiet x'irridu?

PAWLU : L-inkwiet mhux int iġġibu? Jien qatt nindaħallek fil-bini li għandek? X'ridt tibda bil-għalqa ta' Ħaż-Żabbar?

GEJTU : (*ironiku*) Nitolbok skuża, Pawl... mil-lum 'il quddiem inħallik tgħaffeġ fil-proprjetà ta' oħti kemm trid u kemm jogħġbok...

PAWLU : Qiegħed tisma', Fons? Qiegħda tisma', Ċett? Ngħaffeġ!... Bħallikieku qiegħed nisraqkom...

GEJTU : (*Bis-saħħa*) Jien m'inhix ingħidlek li qiegħed tisraqhom, kiesaħ... Qegħdin taraw kif igħawweġ il-kliem?

FONSU: Nispiċċawha darba għal dejjem, l-aħwa... Min jismagħkom jaħseb li aħna ċ-Ċisk! Hlief fuq bini u flus ma tafux titħaddtu...

GEJTU: Sewwa qiegħed tgħid, Fons... nispiċċawha... nispiċċawha darba għal dejjem. Jidher ċar li Pawlu ma jiħux gost jarani hawn ġewwa... (*jieħu l-kappell*) Jien sejjer; jekk tkunu tridu tarawni tafu fejn noqgħod; il-bieb ta' dari miftuħ dejjem...

ĊETTA: U jien nista' niġi narak?

FONSU: Lanqas iridha tqum minn fuq il-pultruna t-tabib!...

GEJTU: Insomma jien hawn ġew ma nidħolx aktar.

PAWLU: (*Sarkastiku mill-aktar*) Min irid jarah imur huwa... jabbni! Id-Duke of Connaught...

GEJTU: (*Fuq tiegħu*) M'inhix id-Duke of Connaught jien; ma nafx li m'inhix id-Duke of Connaught? Jien Gejtu Catania!

PAWLU: Erfagħli l-ottu!

GEJTU: Dak għid lil Karla tal-laundry terfagħhulek...

PAWLU: (*B'rabja kbira jagħti daqqa ta' ponn fuq il-mejda*) Haqq... għidtlek issemmix nies...

GEJTU: Irrid insemmi... irrid insemmi... lil Karla tal-laundry!

PAWLU: (*Imur jiġri fuqu u jagħtih daqqa ta' ħarta*) Mela ħa!!! Nassies... Velenuż... (*u jidħol jiġri f'kamartu*).

GEJTU: Imbruljun... ħalliel... ħalliel... (*u jaqbad il-qasrija ta' fuq il-mejda u jwaddabha lil Pawlu huwa u dieħel f'kamartu*)

FONSU: (*Iżda jkun żammlu driegħu u l-qasrija tiġi fl-art*) Biżżejjed... Għarukaża... għarukaża...

ĊETTA: (*Ma' tul din il-ġlieda tipprova tqum minn postha tgħajjat* PAWLU, GEJTU *iżda terġa' taqa' għal mejta fuq il-pultruna żżomm qalbha u tlissen il-kelma* AJMA, AJMA *li tibqa' tirripeti sakemm ma tinstemax aktar: tkun mejta*).

FONSU: (*Imur jiġri għal fuqha*) Ċetta... Ċetta...

GEJTU: (*Huwa wkoll jinduna li Ċetta qiegħda tmut, imur jiġri ħdejha u jintefa' għarkobbtejh quddiemha*) Oħt... Oħt...

FONSU: (*Igħatti spallejn Ċetta bix-xall li jkun hemm fuq dahar il-pultruna*) Miskina... xi tbaqbiqa tajtuha... Ċetta!!... (*iżda jinduna li hija mietet u jaqa' jibki b'wiċċu fuq dahar il-pultruna*).

GEJTU: (*Iqum bil-wieqfa, iħares lejn oħtu u kollu mbikki*) Miskina Ċetta tagħna! (*bilkemm jitħarrek jasal sal-bieb fejn daħal ħuh, u b'leħen miksur iscjjaħ*) Pawl... Pawlu... (*u bħal statwa jibqa' fuq il-bieb sieket jirrotta d-dmugħ*).

PAWLU : Xi trid? (*iżda meta jarah jibki malajr jitbiddel*) X'ġara? (*jinduna b'li jkun ġara*) Gejt?

GEJTU : (*Imbikki*) Ċetta ħallietna!

PAWLU : Ċetta? (*imur jiġri fuq oħtu, iċaqlaqha*) Ċett... Ċett... (*ħadd ma jwieġbu—bil-mod jersaq lejn Gejtu u b'leħen miksur*) Gejt... x'għamilna b'idejna...

GEJTU : Aħna... aħna... kollha ħtija tagħna (*u jinfexx jolfoq bħal tarbija fuq sider Pawlu*).

FONSU : (*Ibus lil oħtu fuq rasha*) Miskina, Ċetta... Miskina... (*u jarġa' jinfexx f'bikja fuq il-pultruna*).

S I P A R J U.

# FERNAND GREGH

## —POETA—

BIJOGRAFIJA

TA'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

—0—

Stampat fid-Dar ta' S. Ġużepp—Ħamrun.

Hadd ma jista' jxandar minn fuq ir-Rediffusion,

jew juża xort'oħra din il-bijografija

mingħajr is-sensja tal-Kittieb.

# DAHLA

QABEL nibda nikteb din il-bijografija tal-Malti Fernand Gregh, miżmum ma' Franza kollha u d-dinja letterarja bħala wieħed mill-akbar poeti tas-seklu, irrid nixżiħajr lill-ħabibi Laurent Ropa, Malti ieħor, rumanzier u poeta bl-ilsien franċiż, talli għoġbu jibgħatli kotba u rivisti li minnhom stajt niġbor dan ix-xogħol tiegħi

Ukoli, bil-ħila ta' Laurent Ropa (li lili jogħġbu jgħoddni bħala poeta għalkemm jien il-ftit poeżijiet li ktibt dejjem għożżejthom misturin fost il-ħafna karti privati tiegħi) irnexxieli nikseb minn għand Fernand Gregh l-erba' kelmiet li se jidhru wara din id-daħla.

U fl-aħħarnett irrid nixżi ħajr lill-pittur is-Sur Anthony Caruana, talli għoġbu ġenerożament jagħmilli skeċċ ta' Fernand Gregh kif inhu l-lum.

IVO MUSCAT-AZZOPARDI.

San Ġiljan, 4 ta' Novembru, 1952.

---

Paris, 1er Décembre 1952.

Monsieur Ivo Muscat-Azzopardi

Mon cher confrère ,

Je sais que vous êtes poète ,et je suis heureux d'envoyer aux poètes et aux écrivains de Malte par votre précieuse entremise le salut cordial d'un poète français. J'ai toujours rêvé de voir la belle Ile blanche, qui fut héroïque pendant la guerre. Aurai-je le temps de faire ce voyage? Le temps m'est mesuré, mais je ne voudrais pas m'en aller sans avoir vu La Valette et Gozzo.

Votre ami lointain
FERNAND GREGH.

Pariġi, 1 ta' Diċembru, 1952.

Lis-Sur Ivo Muscat-Azzopardi

Għażiż kollega,

Naf li int poeta, u nħossni ferħan li nibgħat bil-għajnuna siewja tiegħek lill-poeti u kittieba ta' Malta tislija ħierġa minn qalb ta' poeta franċiż. Jien dejjem xtaqt u ħlomt li xi darba għad nara s-sabiħa Gżira bajda, li wriet qlubija kbira ma' tul il-gwerra. Tgħid għad ikolli ż-żmien li nwettaq din is-safra? Iż-żmien tiegħi huwa magħdud imma ma nixtieqx nitlaq għal dejjem mingħajr ma nkun żort lil Valletta u Għawdex.

Ħabibek l-imbiegħed
FERNAND GREGH.




**FERNAND GREGH**
(Skeċċ ta' Anthony Caruana).

# FERNAND GREGH

### (TWIELED F'PARIĠI FL-14 TA' OTTUBRU 1873)

MEta, fl-eqqel ta' l-aħħar gwerra dinjija, u sewwa sew fit-13 ta' Ġunju, 1942, qrajt konferenza, fil-British Hellenic Society ta' Lixandra, jisimha "Malta and her sons" li kienet għamlet propaganda kbira għal Malta u swiet biex il-fondi li kienu qed jinġabru għall-Malta Relief Fund joktru dejjem, ħsiebi ma kienx biss li nuri lil dawk il-ħafna nies ta' diversi nazzjonijiet li għoġobhom jiġu jisimgħuni bil-ħila tal-Maltin tat-tieni assedju ta' Malta, imma wkoll u l-aktar li aħna l-Maltin, nies qalbiena f'kull żmien, għalkemm wisq ċkejknin fid-daqs, għarafna nagħmlu isem f'kull qasam tal-ħajja, billi Malta tat lid-dinja qabda wlied studjużi u ħabrieka li bil-ħeġġa tagħhom għarfu jkabbru isimha. F'din il-konferenza tiegħi għalhekk kont tajt lill-pubbliku lixandrin bijografiji qosra ta' xi wħud mill-Maltin prominenti li għamlu isem fid-dinja jew li, barra minn Malta, ftit huma magħrufin, imma kisbu f'Malta popolarità ġenerali.

Fil-11 ta' Ġunju 1942 din il-konferenza dehret stampata u l-fondi li jien daħħalt mill-bejgħ tagħha tajthom lill-Malta Relief Fund. Imma l-għan tiegħi għad ma kienx intlaħaq : jien xtaqt li l-bijografiji tiegħi jidhru stampati, waħda waħda, u b'dettalji mżewqa. Imma ż-żmien kien jonqosni u f'Lixandra fejn kont qed ingħix ma kellix il-mezzi li niddobba dawk id-dettalji meħtieġa. Malli iżda rġajt lura Malta għal kollox, bdejt il-ħidma tiegħi u l-ewwel xogħol li tajt kien dak tal-mużiċist *Francesco Azopardi* li għex bejn il-1748 u l-1809.

Meta mbagħad ktibt it-tieni bijografija, dik taċ-ċelebri tenur *Icilio Calleja*, dehret quddiemi problema li jien ma għandix il-jedd li nħoll waħdi u naħseb li ebda Malti ieħor ma għandu l-jedd assolut li jaqtagħha.

Din il-problema twieldet mill-fatt li *Icilio Calleja*, għalkemm nisel il-Maltin, huwa nnifsu ma twelidx Malta u għalhekk sa nqiegħed quddiem il-qarrej ta' dan il-ktieb il-mistoqsija : *Min hu Malti?*

Kif ġà għidt din hija problema importanti ħafna u mhux lakemm wieħed jaqtagħha kif ġie ġie, l-aktar imbagħad għarraġuni li magħha hemm marbuta problema oħra : Min għandu l-jedd igħid jekk t-tali hux Malti jew le?

Jien għalhekk sa nagħti *l-opinjoni tiegħi persunali*, imma nistqarr mill-ewwel li ma' din it-tieni problema għandu x'jaqsam magħha l-bniedem innifsu li fuqu trid tinħall din il-għoqda.

Jixraq qabel xejn naqsmu lir-razza maltija fi tliet taqsimiet :

(a) Barranin li jiġu joqogħdu Malta u wara ċertu żmien isiru Maltin;

(b) Maltin tal-gżira minn diversi ġenerazzjonijiet;

(ċ) Maltin li ħarġu barra minn Malta u baqgħu jgħammru barra kemm huma kif ukoll uliedhom.

Għal dawk ta' l-ewwel taqsima jiddependi ħafna mill-imġiba ta' l-interessati innifsu għax jekk jidħol f'Malta, Ingliż jew Taljan jew Franċiż, u jibqa' jżomm ruħu bħala tali, u joqgħod bogħod minna l-Maltin, u fil-każ tat-tieni u t-tielet ġens, jibqgħu sudditi Taljani jew Franċiżi, u jiżżewġu ma' xi Taljana jew Franċiża, u hekk jagħmlu wliedhom, aħna ma għandna ebda jedd li nsejħulu Malti, imma biss Taljan imwieled Malta, eċċ.

Jekk, minflok, jitħallat magħna, jiżżewweġ mara maltija, ikun kattoliku bħalna, f'kelma waħda jitwaħħad magħna li jieħu saħansitra drawwietna, aħna ma nistgħux niċħdulu l-jedd li jissejjaħ Malti.

Hawn min qal, bla ebda bażi ta' sens jew raġunament, li kull min hu mwieled f'Malta huwa Malti. Mela l-poeta Ingliż Francis W. L. Adams (1862-1893) sempliċement għax twieled Malta huwa Malti? Mur għidlu hekk lil Adams jew lill-Ingliżi!

Dawk imbagħad li jaqgħu taħt it-tieni taqsima huma, bla ebda dubju ta' xejn, Maltin, u għandhom il-jedd kollu li jissejħu hekk avolja fin-nisel tagħhom Alla jaf x'kienu. Imma la għal ħafna ġenerazzjonijiet twieldu, trabbew u nisslu familji sħaħ hawn, ħadd ma jista' jiċħdilhom dan il-jedd għalkemm fosthom hemm xi wħud li mhumiex denji jġibu l-isem ta' Malti għax mhux biss għandhom ġibda miġnuna lejn nazzjonijiet barranin milli għal Malta nfisha, u fosthom hemm bosta li jistħu mill-ilsien nazzjonali Malti u oħrajn li biddlu saħansitra kunjomhom, imma wkoll għax jistħu jgħidu li huma Maltin.

Ma' dawn il-barranin li saru 100% Maltin nistgħu ngħoddu : : Azzopardi (Azupard—portugiż); Grima (spanjol); Bonello (taljan); Smith (ingliż); Gellel (tork); Reynaud (franċiż); Huber (tedesk); Mitrovich (slav), eċċ., eċċ., eċċ.

It-tielet taqsima ta' Maltin naħseb li hija l-aktar diffikultuża biex tiġi definita għar-raġuni li tidħol fin-nofs il-konvenjenza u, f'ċerti każi, ċirkostanzi li aħna, irridu jew ma rridux, ikollna

noqogħdu għalihom. Minħabba f'din it-tielet taqsima kelli nikteb din id-daħla twila, imma naħseb interessanti għall-qarrej, għax taħtha jaqgħu *Icilio Calleja*, li l-bijografija tiegħu ġà dehret stampata, u *Fernand Gregh*, il-kbir poeta bi lsien franċiż, li l-bijografija tiegħu sa taqraw il-lum.

Malti li jemigra għal Franza jew l-Amerika jkollu ta' bilfors, jew kważi, minħabba fl-għajxien tiegħu, jitlef is-sudditanza ingliża, imma dan ma jfissirx li ma jibqax *Malti*, jekk ikun irid igħid hekk u jħoss lilu nnifsu hekk.

Oħrajn, jew għal xi raġuni privata, jew għax jidhrilhom li kunjomhom għandu riħa ta' xi nazzjon li hu ma jkunx iħobb, jew għax ma tinżlilhomx li isem Malti, meta wieħed jaf jibża' għalih, huwa onorat daqs kull pajjiż ieħor, malli joħorġu minn Malta jippruvaw ixellfu kunjomhom.

Hawn marridx niċħad li fost dawk li xellfu kunjomhom ma hemmx min baqa' jħobb lil Malta u jiftaħar li hu Malti u biddel biss kunjomu għax ħass li għandu jagħmel hekk bla ebda ħsieb ħażin.

Ma' din it-tielet kategorija rrid insemmi b'mod speċjali lill-Maltin ta' l-Eġittu li jien għext fosthom għal 27 sena sħaħ. Hafna minnhom twieldu hemm, kif ukoll missirijiethom. Billi ħelsin f'għemilhom, baqgħu sudditi ingliżi, kunjomhom baqa' malti fl-għamla u s-sura, għarfu jorganizzaw xirkiet ta' Beneficenza, Baned, Teatrali, Każini, ecc., ecc. Żammew ħaj u għoli isem Malta u tal-Maltin. Minn ġidd għal ġidd żammew ħaj l-ilsien malti. Baqgħu f'kelma waħda Maltin 100%... imma ħafna fosthom qatt ma kellhom ix-xorti jaraw ix-xtut ta' Malta.

Għandna aħna l-jedd li niċħdu lil dawn it-talin, aħwatna f'kollox, il-jedd li jissejħu Maltin għas-sempliċi raġuni li ma tweldux f'Malta? Żgur li le!

U għalhekk irrid insemmi tliet Maltin minn Lixandra li għamlu isem fl-Eġittu u wkoll barra mill-Eġittu, li kienu jiftaħru li huma ta' nisel Malti u li jien jidhirli għandna ngħożżu isimhom u niftaħru bihom.

Inċidentalment dawn it-tliet maltin li taw l-isbaħ frott tagħhom ma' tul il-qagħda twila tagħhom fl-Eġittu u li tnejn minnhom mietu f'Lixandra, ma tweldux fl-Eġittu. Dawn huma:

1) Alexandre Greck — mużiċista mill-aktar magħrufin li twieled f'Korfù, fejn il-lum reġa' rtira u għadu jgħix. Naħseb li mhux bogħod biex jagħlaq it-80 sena.

2) Giuseppe Giorgio Pisani — mużiċista magħruf ieħor li twieled fl-Affrika tan-Nord u miet f'Lixandra fit-12 ta' Lulju, 1927.
3) Icilio Calleja — tenur ċelebri, li twieled f'Korfù u miet f'Lixandra fit-18 ta' Novembru, 1941.

Biex nikkonkludi din id-daħla twila u interessanti jiena naħseb li biex bniedem li jagħmel sehem mill-ewwel taqsima jista' jissejjaħ Malti jeħtieġ igħaddu għallinqas tliet ġenerazzjonijiet u, bil-maqlub, għal dawk tat-tielet kategorija, Malti li joħroġ minn Malta, biex jinfatam għal kollox mill-ġibda u x-xejra maltija, jeħtieġ ukoll li jgħaddu tliet ġenerazzjonijiet.

Jiena nħoss għalhekk li kemm it-tenur Icilio Calleja ta' Lixandra, kif ukoll il-poeta Fernand Gregh ta' Pariġi għandna ngħożżuhom bħala *żewġ Maltin* li għamlulna, fost il-barranin, ġieħ kbir.

*     *     *

Fernand Gregh, bħal bosta Maltin, huwa l-frott ta' diversi razez.

Nannuh—Tumas, Fidiel, Kalċidon Gregh—Malti ta' Malta, kien iżżewweġ ma' Margerita Mizzi, ukoll minn Malta (ommha kienet kunjomha Grima). Margerita kienet tiġi miċ-ċelebri kantanti Borghi-Mamo li għamlet isem kbir barra minn Malta.

Kalċi u Gerit—hekk kienu jħobbu jsejħu lil xulxin nanniet Fernand Gregh li kif stqarr huwa nnifsu kien jiftakarhom sewwa, mietu t-tnejn barra minn Malta. Kalċi, li kien qisu ingliż, kien igħid li fil-vini tiegħu kien jiġri demm irlandiż, fil-waqt li Gerita kienet ta' tip Malti 100%, aktarx qasira u samranija, kollha ħeġġa u ma għandhiex kwiet.

Miż-żwieġ ta' Kalċi u Gerit, li emigraw fl-aħjar tagħhom lejn Philippeville (Alġerija)—li dak iż-żmien kien jisimha Rusicada—twieled Louis Gregh, fl-1843 u fejn baqa jgħix sa l-1868 u wara mar Pariġi u hemm iżżewweġ ma' Charlotte Bonnard. Louis Gregh miet f'Dourdan fl-1915.

Miż-żwieġ ta' Louis Gregh ma' Charlotte twieled *Fernand fl-14 ta' Ottubru 1873 fit-Triq De la Chaussée d'Antin* fejn baqa' jgħammar mal-familja sakemm kellu 15-il sena .Fernand kellu ħuh tliet snin iċken minnu.

Min-naħa ta' ommu Charlotte razztu niżlet hekk : Nannuh Jean Bonnard—ġojjellier pariġin—iżżewweġ lil Pisart Hockel, olandiża minn Amsterdam u kellhom ħamest itfal fosthom Charles Augustin François Bonnard li twieled **Amsterdam fl-**

1823. Charles iżżewweġ ma' ċerta waħda kunjomha Roger, imwielda Priet, u kellu tlitt itfal: Bathilde, Pisart u Charlotte. Din ta' l-aħħar hija omm Fernand Gregh, il-kompaċżan tagħna li l-lum se taqraw il-bijografija tiegħu.

Missier Fernand Gregh (Louis) kien mitluf wara l-mużika u aktar 'il quddiem natukom xi ħjiel tal-ħidma tiegħu, u Fernand ukoll kellu ġibda kbira għall-mużika u aktarx kien jagħmel isem f'dan il-qasam kieku anqas jaf kif flok mużiċista sar poeta. L-ewwel ktieb tiegħu "La maison de l'enfance" deher fl-1896 meta kellu 23 sena u ngħoġob ħafna. B'dan l-ewwel ktieb il-karriera tiegħu kienet ġiet żgurata; wara ħareġ ieħor, u ieħor, u oħrajn, fosthom studju fuq Victor Hugo, u wara studju kritiku ieħor fuq Hugo, u studji oħra, b'kollox mill-1896 sa l-1938 stampa 15-il ktieb.

Imbagħad wara mistrieħ ta' seba' snin ħareġ il-ktieb "La couronne perdue et retrouvée" fl-1945 u sentejn wara "L'age d'or—souvenirs d'enfance et de jeunesse" li sa fejn naf jien huwa l-aħħar ktieb tiegħu. Wara dan kien bi ħsiebu joħroġ il-kumplament tal-ħajja tiegħu—speċi ta' awtobijografija—taħt l-isem ta' "L'age d-airain" li mill-1903 teħodna sa l-1918 u fl-aħħar "L'age de fer" mill 1918 sal-lum. Naħseb iżda li jew qata' qalbu jew ħass li x-xjuħija kienet bdiet tagħmel bih.

Barra minn dawn il-kotba li tagħhom, f'din l-istess bijografija, sa nagħtikom ħjiel sħiħ, kiteb għadd kbir ta' artikoli kritiċi u kitba oħra li dehret fil-ġurnali u rivisti ta' Pariġi.

Fernand Gregh għadu ħaj, mhux biss, u għadu dejjem jittama li qabel imut jiġi maħtur membru ta' l-Akkademja Franċiża li l-Membri tagħha, 40 b'kollox fost popolazzjoni ta' aktar minn 40 miljun ruħ, iżommuha bħala l-Istituzzjoni l-aktar għolja tan-Nazzjon u l-ġieh li tiġi maħtur Membru tagħha, l-akbar u l-ogħla ġieh li jista' jikseb Franċiż.

Fir-Rivista "Match" Nru. 167 tal-24-31 ta' Mejju 1952 kien hemm ritratt kbir ta' Fernand Gregh u artiklu twil u interessanti fuq l-aħħar taqbida għall-post vojt fl-Akkademija Franċiża li nħoloq bil-mewt tal-Marixxal Petain. It-taqbida għall-pultruna Nru. 18 bejn il-poeta Fernand Gregh u d-diplomatiku André François Poncet.

It-taqbida damet sejra 40 minuta u għaliha marru 31 Akkademiku, magħrufin ma' Franza kollha u mad-dinja kollha bħala "l-immortali" għax suppost li isimhom ma jmut qatt.

Fl-ewwel dawra A. F. Poncet ġieb 15-il vot, Fernand Gregh 10, Renè Gillouin 5 u Ferdinand Lop 1. Fit-tieni dawra Poncet baqa' bi 15, Gregh 11 u Gillouin 5. Fit-tielet dawra r-rebħa ġiet dikjarata favur Poncet b'16-il vot; l-oħrajn ġiebu: Gregh 11 u Gillouin 4.

Andrè François Poncet qabel telaq qal lil Gregh: "Jien u int konna kompetituri imma qatt egħdewwa u żgur li nibqgħu ħbieb. Madankollu fl-ewwel okkażjoni jien nivvota għalik".

*　　　*　　　*

Issa nerġgħu pass kbir lura u nagħtu tagħrif tal-ħajja tiegħu meħuda mill-istess ktieb tiegħu "L'Age d'Or" li beda jikteb fl-1938, imbagħad telqu fil-ġenb u ssoktah fl-1946 wara li kien ra, kif qal hu nnifsu, l-akbar żewġ gwerer li qatt saru f'din ix-xiħa dinja.

Fuq in-nisel tiegħu ġà tajt kull ħjiel meħtieġ iżda ma naħsibx li hu barra minn loku nżid li Fernand Gregh jikteb kunjomhu "Gregh" u mhux "Grech", kif jinkiteb Malta l-lum, mhux għax biddlu hu imma għax hekk kien jiktbu nannuh dak iż-żmien li minn Malta emigra għall-Alġerija.

U Fernand Gregh iżid igħid li l-magħruf Lamartine fil-ktieb tiegħu *Voyage en Orient* igħid li meta kien għadda minn Malta kien ġie milqugħ minn ċertu *Greig*. Mela milli jidher, f'dawk iż-żminijiet, kulħadd kien jikteb kunjomu kif il-kelma ddoqq fil-widna u meta waqajna taħt l-influwenza tan-nutari sqallin kunjomijietna biddluhom kif jaqbel lilhom, u dan jafu kulħadd.

In-nannu Kalċidon, hekk kif wasal f'Rusicada minn Malta beda jagħmilha ta' armatur biex iġorr il-ġwież, u qabad sewwa, u saħansitra ġie maħtur Konslu ta' l-Ingilterra. Din l-aħbar tinsab fl-*Almanach Impérial Française* ta' l-1869.

Ta' min isemmi wkoll li l-famuż *Amer Picon*, il-lum magħruf ma' Franza kollha, kellu l-bidu tiegħu f'Philipepville (il-belt qadima ta' Rusicada li isimha nbidel f'ġieħ ir-Re tal-Franċiżi Filippu) u kien sewwa sew in-nannu ta' Fernand Gregh li ta lil Picon it-tagħrif kif għandu jsir dan il-famuż likur.

Imma donnha x-xorti ta' Kalċi kellha ħajja qasira f'Rusicada għax beda jmur lura fin-negozju, telaq għal Spanja, fejn għex għal ftit żmien u mbagħad telaq għall-Franza fejn miet wara ħafna żmien.

Missier Fernand, Louis, kellu xejra kbira għall-mużika. Ta' 11-il sena missieru bagħtu jistudja fil-Konservatorju ta' Pariġi u kellu bħala kollegi tiegħu Massenet, Pessard u oħrajn.

Imma wara sena missieru bagħat għalih lura fl-Alġerija fejn baqa' sa ma kellu 25 sena.

Meta missieru miet telaq m'ommu lejn Pariġi u beda jgħix billi jagħti lezzjonijiet privati. Fost l-alljevi tiegħu kien hemm Mlle Charlotte Bonnard li ħadet grazzja miegħu u żżewġitu u missierha xtara ħanut tal-mużika, taħt l-isem ta' Heu, li kien jinsab Rue de la Chaussée-d'Antin Nru 10 u fuq il-ħanut kien hemm appartament b'saqaf baxx biex jintuża bħala dar. Hemm twieled Fernand Gregh, il-poeta tagħna, fl-14 ta' Ottubru 1873.

Fil-ktieb tiegħu l-*Age d'Or* Fernand Gregh jiddeskrivi din id-dar fejn twieled, b'sengħa kbira u b'imħabba li tqanqal.

Hija tfakkru f'mitt ħaġa : il-famuż Hennequin jaħdem ma' missieru biex jikkomponu flimkien l-operetta "Le Présomptif", missieru jikteb "Le Retour des Moissonneurs", "Les Bergers Watteau" u tant oħrajn li kienu saru popolari ħafna.

Fernand Gregh fiċ-ċokon tiegħu kien jidher aktarx dgħajjef u għal xi żmien bagħtuh igħix fil-kampanja ma' nannuh u nanntu. U jiftakarhom sewwa, xjuħ sewwa, imma jinħabbu donnhom żewġ namrati żgħar. Hi ssejjaħlu "Kalċ" u hu "Gît". Nanntu, igħid il-poeta tagħna, kienet mara tassew tajba u ta' kull nhar ta' Ħadd kienet tieħdu magħha għall-quddiesa.

Meta kellu xi seba' snin reġgħu ħaduh Pariġi u flimkien ma' ħuh iż-żgħir, kultant kienu jħalluhom jinżlu fil-ħanut jitlegħbu qalb il-klijenti imma saħħtu ma kinetx għaddiet għall-aħjar għax wara xi snin reġgħu bagħtuh f'Yport, f'xatt il-baħar; imma milli jidher ma tantx għamlitlu ġid l-arja tal-baħar u qatgħuha li jagħilquh f'kulleġġ minn fejn ħarġuh fil-għomor ta' sittax-il sena.

Id-deskrizzjoni miktuba minnu nn'fsu ta' kemm dam fil-kulleġġ hija wisq twila biex tidher f'din il-bijografija imma min jista' jaqraha jagħmel tajjeb għax miktuba b'sengħa u naturalezza li tassew tagħti gost. F'dan il-Kulleġġ id-deħen tiegħu u l-imħabba għal-letteratura bdiet tidher sewwa għax kemm fil-latin, kif ukoll fil-grieg—u ma għandna xi ngħidu xejn fil-franċiż—kien dejjem minn ta' l-ewwel.

Meta Gregh kellu xi tnax-il sena missieru biddel il-ħanut u mar fl-istess triq Nru. 6, ħanut akbar u itwal u li għammru—wieħed minn ta' l-ewwel f'Pariġi—bil-luċilettrika, sistema Jablochkoff, għax Edison kien għadu ma sabx il-lampa tiegħu.

Wara xi żmien ġarru d-dar f'Boulevard Haussmann Nru. 50. Appartament sabiħ, b'għamara ġdida u fejn, għall-ewwel darba Fernand Gregh kellu kamra għalih u sata' jiġbor il-kotba tiegħu

kollha—premijiet, kotba ta' l-iskola, xi kotba tan-nannu Bonnard, f'vetrina waħda li kellha fiha xi 50 ktieb b'kollox.

Imma f'din id-dar ftit qagħdu żmien għax wara ftit reġgħu ġarrew fl-istess Triq Nru. 40, f'appartament kbir fejn Fernand kiteb l-ewwel ktieb tiegħu u mingħajr lanqas jaf kif daħal f'ħajja ġdida.

Waħda mill-ewwel ħidmiet letterarji tiegħu kienet meta bdew joħorġu rivista ċkejkna li tawha l-isem ta' "*Le Banquet*" u l-fundaturi u l-kollaboraturi li ngħaqdu magħhom wara, li fost-hom kien hemm huwa, Marcel Proust, Daniel Halévy, Robert de Flers, Léon Blum, Gaston Arman de Caillavet, Henri Rabaud, Henri Barbousse, Robert Dreyfus, Louis de la Salle, Jacques Bizet (it-tifel tal-famuż awtur tal-Carmen, eċċ.), Horace Finaly, Gabriel Trarieux u Amédée Roqués, kellhom joħorġu bejniethom għaxar franki (franċiżi) fix-xahar biex ilaqqtu s-somma ta' mitt frank li bihom setgħu jistampaw erba' mitt kopja.

F'din ir-rivista l-ewwel artiklu ta' Gregh kien jismu "Question présente et le Devoir présent" u wara taħt il-psewdonomu "Fernand Danel" bdew jidhru xi poeżiji "Toute la Flûte". Iżjed 'il quddiem il-pinna tiegħu bdiet taħdem aktar b'ħeffa kbira u taħt diversi psewdonomi beda jikteb għadd kbir ta' artikoli u poeżijiet.

Wara li r-rivista "*Le Banquet*" dehret xi tmien darbiet, kellha tieqaf u Gregh u Proust ġew mitlubin jibdew jiktbu fir-*Revue Blanche*; aċċettaw imma ma kinux jiktbu spiss. Bħala kollaboraturi f'din ir-rivista ta' min isemmi lit-tliet aħwa Natanson fosthom Thadée, Lucien Muhlfeld, Léon Blum, Maurice Barrès, Romain Coolus, Paul Leclercq, Tristan Bernard u Pierre Veber.

Sadattant Fernand Gregh kien għadu qed ifittex għal liema professjoni ser jagħtiha. Poeta?! Min jaf?

Ċerti studji tal-filosofija kien għadu ma temmhomx meta fil-medda tal-ħajja tiegħu ġara fatt żgħir li ġagħalu jbiddel triqtu u jibda jaħdem regolarment. Ludovic Halévy irrikkmandah lill-Editur Paul Calmann li ħatru Segretarju tar-rivista *Revue de Paris*. Kellu jitlaq l-istudji kollha biex jibda ħajja ġdida: il-ħajja li tħallik dejjem bejn ħaltejn, li tiddieħek bik, li turik ħaġa b'oħra, għabex... għabex, imma timla bil-ħrara u l-ħeġġa lill-kittieba u lill-poeti.

Għal tliet snin, mill-għomor ta' għoxrin sa tlieta u għoxrin. Fernand Gregh għadda l-wara-nofs-ta' nharijiet kollha, barra

mill-ħdud. mixħut fil-ħajja letterarja l-aktar qawwija ta' dak iż-żmien u meta ma kellux kritiki x'jikteb jew manuskritti x'jaqra, kien jitkeb xi versi li kien jaħbi taħt il-kartaxuga malli kien jidħol fil-kamra xi klijent, għax il-poeżija hija ħaġa intima li fiha nfisha hemm il-mistħija.

Ix-xogħol ta' Segretarju tar-*Revue de Paris* kien iebes u jdejjaq imma swielu biex sar midħla ta' ħafna nies ta' fama. Ġara wkoll li qanqal il-għira tal-personal tar-rivista "*Mercure*" li kienu ambizzjużi u li kienu dejjem igħidu:

"Nul n'aura de talent hors nous et nos amis".

u ħalli għal Louis Ganderax, wieħed miż-żewġ diretturi tar-*Revue de Paris* jissielet magħhom.

Kienet għal din il-ħabta li Gregh żar għall-ewwel darba Londra u wara xi xhur wasallu ż-żmien biex jagħmel il-lieva militari u f'din l-okkażjoni ġietu x-xoqqa f'moxtha biex iżur l-Italja li għoġbitu ħafna. Kellu tnax-il jum għad-dispożizzjoni tiegħu u gawdihom.

Il-ħajja militari, ma għandna x'ingħidu xejn, ġibitlu magħha sorpriżi u esperjenza. Daħal fiha żagħżugħ, ħareġ minnha raġel. Ma' tulha bata u xxala, daħak u beka... u ħażżen f'moħħu ħażna kbira ta' ideat li kellhom mal-medda taż-żmien joħorġu waħda waħda taħt sura ta' xi poeżija.

Waħda mill-konsegwenzi tal-ħajja militari kienet l-irvina ta' l-istonku tiegħu u malli spiċċat il-lieva l-ewwel ħsieb tiegħu kien li jsib xi tabib li jfejqu imma, milli jidher, xewqtu baqgħet xewqa.

Kienet għal din il-ħabta li Gregh għaraf għall-ewwel darba lil José-Maria de Heredia li għandu kienu jiltaqgħu l-aqwa poeti u prożaturi ta' Franza, fost ta' l-ewwel Henri de Régnier u Francis Viélé-Griffin u tant u tant oħrajn. Is-sala ta' Heredia kellha influwenza kbira fil-letteratura franċiża bejn il-1890 u 1900 sakemm Heredia nħatar Konservatur tal-Bibljoteka ta' l-Arsenal u ma satax ilaqqa' iżjed għandu l-kittieba ta' Franza.

Qabel nimxu iżjed 'il quddiem ta' min isemmi hawn x'ġara meta deher f'Pariġi l-ewwel ktieb ta' Fernand Gregh fl-4 ta' Novembru 1896.

Dak li ħass hu nnifsu u tal-familja tiegħu hu dak li jħoss kwalunkwe bniedem li jara għall-ewwel darba f'idejh ktieb stampat li ġo fih ikun hemm l-istess xogħlijiet letterarji tiegħu. Imma fil-każ ta' Gregh ġara ħaġ'oħra: Inqala' pogrom sħiħ fost il-membri tal-famuża Akkademija Franċiża li f'idejhom kellha tin-

qata' l-għotja tal-premju Archon-Despérouse għall-ktieb ta' poeżiji l-aktar sbieħ u tajbin tas-sena.

Il-konkorrenti kienu ħafna u l-Akkademiċi kellhom ideat mhux bħal xulxin u fost kollox kellu jiġi deċiż prinċipju ġdid : Il-libertà tal-poeta u l-jedd tal-kittieb.

Rebaħ Gregh li għalkemm wara l-ewwel ktieb tiegħu kellu suċċessi kbar, il-poeżijiet ta' dak l-ewwel ktieb tiegħu baqgħu jingħaddu bħala mill-isbaħ li qatt kiteb u l-istil tiegħu, għalkemm għaddew minn fuqu bosta u bosta snin, baqa' kważi l-istess : Ir-realiżmu.

Imma s-suċċess ta' dan l-ewwel ktieb ġieb miegħu konsegwenzi oħra. L-istediniet bdew joktru, il-preżentazzjonijiet bdew jiżdiedu bil-mijiet u magħhom bdew iġibu xi tentazzjonijiet ukoll. U kemm iltaqa' ma' nies magħrufin fosthom il-famuż awtur ta' *Deux orphelines* li dak iż-żmien ġà kien xiħ għakka !

L-aqwa żewġt idjar li fihom sar jaf nies kienu dawk ta' *Madame de Loynes* fejn kienu jiltaqgħu l-aqwa politiċi u ta' *Madame Aubernon de Nerville* aktarx lok il-letterati. F'waħda minn dawn l-okkażjonijiet sar jaf lil D'Annunzio li kien mistieden għand din ta' l-aħħar, għall-pranzu, meta żar Pariġi wara s-suċċess li għamel il-ktieb tiegħu *Intrus*.

Kien fil-1897, ta' erbgħa u għoxrin sena, meta Gregh beda jħoss it-toqol tal-ħajja li kienet tikkonsisti f'xogħol iebes u stedin kontinwu. Kien beda jsir nervuż. Xtaq ftit tal-mistrieħ biex igħaddih fl-Isvizzera... issa li f'butu kellu l-flus tal-premju Archon-Despérouse. F'kelma waħda kienet tonqsu l-libertà. Għalhekk, f'Lulju, ta d-dimissjoni mir-*Revue de Paris* u l-libertà ħadha b'idejh u telaq lejn l-Isvizzera fejn qagħad xahrejn sħaħ, u meta mar lura Franza mar igħaddi xahar ieħor f'Enghien, fejn il-familja tiegħu kellha *chalet* ħelu ħafna.

F'din l-okkażjoni kiteb biċċa għat-teatru "Le huitième Glaive" li ma saret qatt imma ħafna nteressaw ruħhom fiha saħansitra Sarah Bernhardt li bagħtet għalih biex jaqrahielha imma... ma għobithiex biżżejjed.

F'din l-istess sena ġo Franza nqalgħet il-famuża affari Dreyfus, u Gregh, għax kien fetaħ fommu u qal xi ħaġa ta' ftit importanza, ġie mlaqqam bħala partitarju tiegħu u msejjaħ *dreyfusard*. Gregh kien iħoss li Dreyfus innoċenti u xejn aktar, imma ħafna kienu jħarsu lejh biċ-ċiera... għax Dreyfus kien lhudi.

Imma mbagħad donnu daħal fil-pika u beda jagħmel sehem minn ċertu Moviment, favur Dreyfus — jew aħjar l-innoċenza

tiegħu — Moviment li għal sentejn sħaħ baqa' dejjem jikber u beda jinfluwenza l-politika ta' Franza u saħansitra twaqqaf ġurnal jismu "*La Volonté*".

Kif spiċċat l-affari Dreyfus jaf kulħadd. Wara l-famuż ktieb "*J'accuse*" ta' Emile Zola, il-proċess ta' Dreyfus raġa' sar u l-ikkundannat Dreyfus ġie dikjarat innoċenti u meħlus mill-ħabs.

It-tieni ktieb ta' poeżiji "*La beauté de vivre*" ħareġ meta Gregh kellu xi 27 sena. Iż-żmien kien beda jgħaddi u n-nervi li kellu baqgħu dejjem jiżdiedu.

Għal din il-ħabta marad bit-tifojde li donnha swiet xi ftit biex tnaqqaslu n-nevrastenija li donnha kienet qed taħkem dejjem fih.

Waqt din il-marda, u fl-aqwa tagħha, il-lehma poetika ma naqsitu qatt u ta' spiss kien jiddetta lil ommu xi poeżijiet li wara dehru fit-tielet ktieb tiegħu: "*Clartés humaines*".

Wara l-konvalexxenza qatagħha li jitlaq għal Berna għal għand it-Tabib Dubois li kien għamel isem f'dan il-qasam tal-mediċina, u wara xahar u nofs ħareġ mill-klinika donnu bniedem ieħor: dik il-ħabta kellu sitta-u-għoxrin sena.

Fl-1902 flimkien ma' l-aħwa Leblond u oħrajn waqqaf ir-rivista "*Grande France*" u fit-12 ta' Diċembru 1902 deher fil-famuż ġurnal *Figaro* manifest fuq l-arti ġdida tal-poeżija umanitarja li Gregh kellu sehem kbir fih.

Infatti kien fl-1900 li beda jmexxi fost il-ħbieb din it-teorija u ġurnata waħda, wara ikla ma' xi ħbieb, ħarbex xi frażijiet li kellhom iservu bħala sisien ta' l-*Umaniżmu*, tar-*Realiżmu* u għal din ir-raġuni Fernand Gregh, ġie mlaqqam "il-poeta filosofu", "il-poeta ta' l-umaniżmu", "il-poeta liriku", "il-poeta tan-Natura".

Ma għandna x'ingħidu xejn, l-egħdewwa, fost is-*Simbolisti*, ma setgħux jonqsu, fosthom *Souza* kif ukoll id-Direzzjoni tar-Rivista "*Mercure de France*".

In-*Naturaliżmu* ta' Fernand Gregh kien għamel isem u waqqaf skola ġdida ta' poeżija li baqgħet tikber dejjem miegħu u tiġbed eluf ta' kittieba.

Il-ġlieda li kienet saret minħabba fih fost il-Membri ta' l-Akkademija Franċiża—u bħala difensuri tiegħu qabżu Ludovic Halévy, Anatole France, Jules Lemaître, de Vogüé, Lavisse u oħrajn, li magħhom dar wara ftit Sully Prudhomme—tatu isem li baqa' dejjem jikber sakemm fl-1937, wara li kienu dehru 14-il ktieb tiegħu ta' poeżijiet u/jew kritiki, deher fil-"Les cahiers

poétiques de Corymbe'' għadd speċjali dedikat lil Fernand Gregh, b'midalja ta' C. d'Huc-Dressler (murija fis-Salun ta' l-Artisti Franċiżi), li fih kien hemm studji kritiki fuq il-poeżija tiegħu minn l-aqwa nies ta' Franza Letterarja ta' dak iż-żmien u li aħna sa nagħtu ħjiel tagħhom fil-qosor hawn taħt :

1. Bħala daħla deher fil-ktejjeb poema ta' Fernand Gregh innifsu jismu ''Egħluq is-snin'' (Anniversaire).
2. Artiklu mhux mitmum ta' Anna de Noailles li ma laħqetx spiċċat meta mietet.
3. Ittra inedita ta' Marcel Proust.
4. Artikolett ta' Gérard d'Houville.
5. Artikolett ta' Lucie Delarme--Mardrus.
6. Artikolu ta' Gaston Arthuis taħt l-isem ''Quelques raisons, parmi d'autres, d'aimer Fernand Gregh''.
7. ''Le message de Fernand Gregh'' ta' André Druelle. Kritika ftit u xejn twila tax-xogħlijiet tiegħu.
8. Artikolu ta' André Dumas.
9. Nota ta' Paul Fort.
10. Artikolu ta' André Foulon de Vaulx.
11. ''Lettre ouverte à Fernand Gregh'' ta' Georges-Louis Garnier.
12. ''Fernand Gregh—une orientation de la poésie''—kritika twila ta' André Marcou.
13. ''Fernand Gregh—un poète avant tout''—artikolu-kritiku ta' André Payer.
14. ''Un grand poète de France''—artikolu-kritiku ta' André Romane.
15. ''La Maison du Poète''—artikolu ta' Hélène d'Huc-Dressler.

* * *

Ma' tul il-ħajja tiegħu ltaqa' u kien midħla ta' persunaġġi għolja u n-nies letterati ta' l-aqwa siwi kienu jafuh sew bħala poeta kif ukoll bħala kritiku teatrali ta' fama tal-ġurnali jew/u rivisti : (1) Revue Bleu, (2) Liberté, (3) Comoedia u (4) Nouvelles Littéraires.

L-aristokrazija ta' Pariġi wkoll kienet tqimu u ta' spiss kont tarah mistieden fl-aktar saluni magħrufin ta' l-*élite parisienne.*

Fost dawn kollha ta' min isemmi : Duc d'Aumale, Verlaine, Degas (il-pittur ta' fama), Arsène Houssaye, Meilhac, Pierre Louys, Lemaître, Henri Houssaye, Capus, Dennery, Blowitz, Hèbert (iċ-ċelebri pittur), Willy, Georges Rodenbach, La Prin-

cesse Brancovan, Emile Zola u tant u tant oħrajn li ġà ssemmew band'oħra.

Inċidenti li ġraw f'ħajtu u ta' min isemmihom huma dawn :

(1) Flimkien ma' Clemenceau u Gabriel Séailles, f'Ottubru ta' l-1899, taħt il-Presidenza ta' Anatole France, inawgura l-ewwel Università popolari f'Faubourg Saint'Antoine—l-omm ta' l-Universitajiet kollha. F'din l-okkażjoni qara l-poema tiegħu "La maison du Peuple" li kien talbu biex jiktibha Daniel Halévy.

(2) F'Ruma, Primoli ppreżentah lill-Imperatriċi Ewġenja, mart Napuljun III, li kienet aktarx truxa, u li kunjomu Gregh ħasbet li kien ta' nazzjonalità griega u Fernand Gregh, għall-edukazzjoni, ma meriħiex u qalilha "iva".

(3) Għand Juarès assista għal-laqgħa meta fiha twaqqaf il-famuż ġurnal l-Humanité. Hu biss ma kienx politiku. Fost dawk li kienu hemm wieħed sata' jilmah lil Briand, Millerand u Viviani (li aktar 'il quddiem it-tlieta laħqu Prim Ministru ta' Franza u fosthom Millerand President tar-Repubblika). Viviani, jingħad, ommu kienet Maltija minn Alġier jew Tuneż.

(4) Kien Fernand Gregh li ħabbar lil Debussy li laħaq Chevalier de la Legion d'Honneur.

(5) Ravel daqq l-ewwel darba l-kompożizzjoni tiegħu "L'oiseaux Tristes" fuq il-pjanu ta' ħabibu Fernand Gregh.

(6) Fl-1916 għamel xhud tat-tieġ tal-qalbieni Adrien Bertrand rebbieħ tal-premju Goncourt. Ix-xhud l-ieħor kien Clemenceau.

(7) Meta fl-1919, 8 ta' Jannar, kiteb fil-ġurnal *Gaulois* il-famuż artikolu "Italiam" li fih kien wera biċ-ċar il-perikolu ta' l-Italja li tinsa l-imgħoddi tagħha ta' glorja intellettwali u artistika biex issir temmen biss fis-saħħa u l-kobor materjalistiku, Mussolini kien bagħat jifraħlu għall-artikolu, imma donnu ma kienx fehem sewwa s-sens ta' l-artikolu ta' Fernand Gregh. Iżda l-poeta tagħna meta wieġeb lil Mussolini biex jirringrazzjah talli kien bagħat jifraħlu, raġa' qallu x'kien sew is-sens ta' l-artikolu tiegħu... u Mussolini qata' l-korrispondenza.

Hawn ikolli nieqaf għax, kif ġà għidt, iż-żewġ kotba l-oħra li jagħtu ħjiel dettaljati tal-ħajja tiegħu mill-1903 sal-lum baqgħu biex ma dehrux. Nittamaw li għad jidhru.

Fernand Gregh għadu ħaj u s-sena li ġejja jagħlaq 80 sena.

Sa fejn naf jien għandu żewġt itfal : tifla li tgħix fl-istess dar tiegħu u tifel li bħalissa jokkupa karika għolja u importanti

ħafna mal-Gvern Franċiż : Direttur tal-*Budget* fil-Ministeru tal-Finanza.

Bħala onorifiċenza franċiża huwa jippossjedi l-midalja : Commandeur de la Légion d'honneur.

Jiena mil-lum stess nixtieqlu ħajja twila biżżejjed biex jilħaq il-100 u li qabel ma jagħlaq għajnejh għal kollox, Franza tagħtih dak il-ġieħ li tant jistħoqqlu u taħtru *Membru* ta' l-Akkademija Franċiża.

Issa sa nagħtikom lista tal-kotba tiegħu kollha li dehru stampati u wkoll ta' dawk li s'issa għad ma dehrux.

# KOTBA, LI DEHRU STAMPATI,

TA'

# FERNAND GREGH

1. La maison de l'enfance, poèmes (1896) (Calmann-Lévy).
2. La beauté de vivre, poèmes (1900) (Calmann-Lévy)
3. La fenêtre ouverte, essais de critique (1901) (Fasquelle).
4. Les clartés humaines, poésies (1903, réédition 1926) (Flammarion).
5. L'or des minutes, poèmes (1905) (Fasquelle).
6. Ètude sur Victor Hugo (1905) (Fasquelle).
7. Prélude féerique, poème dialogué (1908) (Mercure de France).
8. La chaîne éternelle, poèmes (1910) (Fasquelle).
9. La couronne douloureuse, poèmes sur la guerre (1917) (Fasquelle).
10. Couleur de la vie, poème (1923) (Flammarion).
11. Choix de poésies (1927) Fasquelle).
12. La gloire du coeur, poèmes (1932) (Flammarion).
13. L-oeuvre de Victor Hugo, étude critique (1933) (Flammarion).
14. Portrait de la poésie française, de Chénier à Verlaine (1936) (Delagrave).
15. Portrait de la poésie moderne, de Rimbaud à Valéry (1938) (Delagrave).
16. La couronne perdue et retrouvée (1945) (Flammarion).
17. L'age d'or — souvenirs d'enfance et de jeunesse (1947 (Grasset).

## KOTBA, LESTI MINN KOLLOX, IMMA LI MA

## DEHRUX STAMPATI

1. Les amants romantiques, pièce en 5 actes et 1 prologue, en verse.

2. Histoire du théatre poetique en France, depuis Beaumarchais.

3. C'etait l'Espagne, voyages.

4. Le mot du monde, poèmes.

---